# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Lulju, 2019.**

**Numru 16**

**Rikors numru 259/15LM**

**Helen Magri legalment separata minn Angelo Magri**

**v.**

**Dr Alessandro Lia u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno li b'digriet tas-7 ta' April 2015 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw lil Melissa Aquilina u Frank Aquilina, ahwa Aquilina, it-tnejn assenti minn dawn il-gzejjer**

## PRELIMINARI:

1. Dan huwa appell ad istanza tal-Avukat Dr Alessandro Lia u tal-Prokuratur Legali Luisa Tufigno fil-kwalita` tagħhom ta' kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil Melissa Aquilina u Frank Aquilina, aħwa Aquilina, mis-sentenza tal-31 ta' Jannar 2018 mogħtija mill-

Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, li permezz tiegħu qed jitolbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom, u tiċħad it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attriċi.

2. Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

> "Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat mill-attriċi **Helen Magri** (minn issa 'l quddiem "l-attriċi"), fit-18 ta' Marzu, 2015, li jgħid kif ġej:
>
>> "*Illi r-rikorrenti li ilha sseparata minn żewġha Angelo permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat min-nutar Dr Hugh Grima fil-11 ta' Novembru, 1987 kopja hawn annessa dokument A*[1] *għal madwar 29 sena, ilha għall-istess żmien tgħix waħedha u għal dawn l-aħħar għaxar snin ċirka man-neputija tagħha Rodianne Cauchi.*
>>
>> "*Illi għal dawn l-aħħar 15-il sena u fuqhom l-esponenti kienet, kif mitluba minn missier l-intimati Riccardo Aquilina li miet fl-24 ta' Diċembru, 2014 tieħu ħsieb l-imsemmi Riccardo Aquilina fil-bżonnijiet kollha tiegħu, titimgħu, taħsillu, tnaddaflu d-dar u bżonnijiet oħra kif jiġi indikat b'iżjed dettal waqt it-trattazzjoni tal-kawża u dana wkoll minħabba li Riccardo Aquilina kien jgħix waħdu billi ddivorzjat mit-tieni mara tiegħu anki minn qabel ma bdiet tieħu ħsiebu l-esponenti u billi ma kellu ħadd minn uliedu biex jieħdu ħsiebu u jduru bih billi dawn kollha jgħixu barra mill-pajjiż u qajla kienu jmorru jżuruh.*
>>
>> "*Illi s-servizzi li l-esponenti rrendiet lil missier il-kontendenti kienu dejjem ġew hekk reżi bil-promessa li l-esponenti kellha tiġi mħallsa għall-istess wara l-mewt ta' Riccardo Aquilina billi bit-testment tiegħu kellu jgħaddilha u "dana b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih", in użu u użufrutt tal-fond numru 27, Triq Farsons, il-Ħamrun kif ukoll ħallieha werrieta in aġġunt għal dan il-prelegat fit-terz indiviż flimkien mal-intimati tal-assi kollha tiegħu kollox skont it-testment li għamel fis-16 ta' Jannar, 2012 quddiem in-Nutar Dr Hugh Grima dokument B*[2] *hawn anness.*

[1] *A fol.* 4 sa 6.
[2] *A fol.* 7 sa 9.

"*Illi għall-ħabta ta' Diċembru 2013 l-esponenti u d-decuius kienu llitigaw fuq ħmerija b'dan illi għal ċirka xahrejn jew forsi ftit fuqhom l-esponenti waqfet milli tkompli tippresta s-serviġi fuq imsemmija sakemm id-decuius reġa' bagħat għaliha biex tkompli ddur bih kif kienet ilha tagħmel dawk is-snin kollha u hekk għamlet mill-aħħar ta' Frar bidu ta' Marzu sakemm miet tant illi dan miet f'idejha b'uliedu msefrin fosthom l-intimati.*

"*Illi f'dawk ix-xahrejn ċirka illi l-esponenti u d-decuius kienu miġbudin, Riccardo Aquilina laħaq għamel testment li permezz tiegħu huwa annulla t-testment preċedenti tiegħu, dokument A* (recte B) *li permezz tiegħu ħassar dak it-testment b'testment ieħor li fih ir-rikorrenti ma ġietx imsemmija mkien u dana permezz tat-testment ippubblikat min-Nutar Nathania Tabone dokument C*[3] *hawn anness.*

"*Illi għalkemm wara li sar it-testment appena msemmi l-esponenti ftit ġimgħat biss wara li dan seħħ reġgħet bdiet tippresta l-istess serviġi kif kienet ilha tagħmel bla interruzzjoni ħlief għal dawk ix-xahrejn għal dawn l-aħħar 15-il sena, id-decuius ma reġax varja dan l-aħħar testment tiegħu billi jerġa' jqiegħed lill-esponenti fil-pożizzjoni li kienet qabel ma seħħ dan l-argument ta' ftit xhur, b'dan illi llum hija ġiet f'sitwazzjoni li ta' dak kollu li għamlet għad-decuius spiċċa mingħajr ebda kumpens.*

"*Illi għalkemm l-esponenti kkomunikat mal-intimata Melissa Aquilina wara l-mewt tad-decuius u semmitilha* (recte) *iċ-ċirkostanzi u r-raġuni għaliex id-decuius kien biddel t-testment u dina tagħrfitilha li kienet ben konxja tas-snin twal li l-esponenti kienet ilha ddur b'missierha, qaltilha wkoll li l-ewwel trid tara mal-intimat l-ieħor u terġa' tikkomunika magħha. Minflok għamlet hekk neħħietha minn fuq il-facebook tagħha u lanqas biss qiegħda tirrispondi d-diversi telefonati li għamlitilha l-esponenti.*

"*Għar-raġunijiet premessi u għal dawk li għandhom jirriżultaw wara t-trattazzjoni ta' din il-kawża, għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*"1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-esponenti rrendiet serviġi lil missier l-intimati liema serviġi kienu reżi bl-intendiment u promessa ta' ħlas.*

*"2. Tillikwida l-ammont dovut lill-esponenti in linea ta' serviġi mill-werrieta tad-decuius intimati, flimkien u in solidum bejniethom għal tul iż-żmien li dawn l-istess serviġi baqgħu jiġu reżi jew għal kull żmien ieħor li din il-Qorti jidhrilha, u dana jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi.*

"3. *Konsegwentement tikkundanna lill-intimati flimkien u in solidum bejniethom iħallsu lill-esponenti l-ammont li jiġi hekk illikwidat in linja ta' serivġi reżi, kif fuq intqal.*

[3] *A fol.* 10, datat 25 ta' Frar, 2014.

> "*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni ppreżentat kontestwalment ma' dawn il-proċeduri, bl-imgħaxijiet skont il-liġi u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni.*

"Rat ir-Risposta Maħlufa tal-**Avukat Alessandro Lia** u **l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno** fil-kwalità tagħhom ta' Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lill-konvenuti **Melissa Aquilina** u **Frank Aquilina,** aħwa Aquilina (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), it-tnejn assenti minn Malta, li biha eċċepew:

> "*1. F'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju ieħor tal-proċeduri, jekk ikun il-każ, meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw ulterjorment u fid-dettal mal-imsemmija Melissa Aquilina u Frank Aquilina minnhom rappreżentati.*
>
> "*2. Preliminarjament, it-talbiet attriċi huma preskritti, in toto jew in parte, ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> "*3. Preliminarjament ukoll, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-imsemmija Frank u Melissa aħwa Aquilina mhumiex il-leġittimi kontradditturi f'din il-kawża u l-esponenti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.*
>
> *"Ma jirriżultax li l-wirt tad-defunt Riccardo Aquilina ġie aċċettat mill-imsemmija aħwa Aquilina u għalhekk il-wirt għandu jitqies battal ai termini tal-artikolu 903 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> "*4. F'kull każ, u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.*
>
> "*5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

"Rat l-atti kollha tal-kawża.

"Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

"Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-avukati difensuri tal-partijiet.

"Semgħet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

"Rat il-verbal tal-udjenza tal-1 ta' Diċembru, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

"**Il-kwistjonijiet bejn il-partijiet**

"L-attriċi tikkontendi li hija rrendiet serviġi lid-*decuius* Riccardo Aquilina tul il-15-il sena qabel il-mewt tiegħu u qiegħda tippretendi li tiġi kkumpensata mill-werrieta universali tad-defunt, u ċjoè tnejn mill-erba' wliedu, Melissa u Frank Aquilina. Il-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-preskrizzjoni tal-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili; li

huma mhumiex il-leġittimi kontradittturi stante li l-wirt tad-*decuius* huwa battal għax ma ġiex aċċettat mill-konvenuti; u li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"**Provi u riżultanzi**

"**Alfred *sive* Freddie Briffa**, ħu l-attriċi, xehed permezz ta' affidavit[4] li oħtu kienet tieħu ħsieb lil Riccardo Aquilina, tant li dan kemm-il darba kien jgħidlu li allaħares ma kinitx oħtu għalih. Briffa jgħid li oħtu kienet issajjarlu u mhux l-ewwel darba Riccardo Aquilina kien jgħidlu biex jgħaddilha xi fenek biex issajjarulu u biex jirranġa magħha dwar il-ħlas tiegħu. Briffa jgħid li oħtu kienet anki taħsillu u meta kien ikollha l-karozza bil-ħsara, kien iwassalha hu għand Riccardo għax ma kinitx tkun tista' tuża tal-linja mgħobbija bil-ħwejjeġ tiegħu maħsula u mgħoddija u bl-ikel tiegħu lest. Ix-xhud jgħid li meta Riccardo Aquilina kien l-isptar, xi drabi kien iwassalha hu lil oħtu biex toħodlu tibdila nadifa u l-ikel għax ma kienx irid jiekol minn tal-isptar. Ix-xhud jgħid li kienet taħsillu wkoll d-dar.

"**Monica Gatt**, oħt l-attriċi, xehdet permezz ta' affidavit[5] li l-attriċi kienet ilha ddur b'Riccardo għal ħmistax-il sena sa ma miet. Tgħid li kienet waqfet tmur għandu biss għal xi xahrejn fl-2013 għax kienet ħadet għaliha meta hi xtratlu rigal għall-Milied u hu ma kien xtralha xejn. Però wara kienu rranġaw u baqgħet tmur għandu. Gatt tgħid li oħtha kienet bdiet tmur għand Riccardo Aquilina ftit żmien wara li dan kien mar jgħix 25, Triq il-Farsons, il-Ħamrun. Kienet taqdih f'dak kollu li kien ikollu bżonn fid-dar, tnaddaflu d-dar, taħsillu l-ħwejjeġ, tgħaddilu, taħsillu l-purtieri, ġieli tixtrilu u tgħamillu qadi ieħor. Ix-xhud tgħid li l-ikel u l-ħasil tal-ħwejjeġ oħtha kienet tagħmilhom f'darha Raħal Ġdid u wara toħodomlu għandu, ħlief għall-qomos li kienet tgħaddihom għandu biex ma jitkemmxux waqt it-traġitt. Monica Gatt tgħid li dan tafu wkoll għax xi drabi kienet tmur ħdejn oħtha meta kienet tkun ghand Riccardo. Issemmi inċident meta hi kienet għand oħtha u kien ċemplilha Riccardo u qalilha li kien waqa' għax kien fis-sakra. Kien ċempel lil oħtha u mhux lil kuġinuh li jgħix il-Ħamrun stess jew lil ħuh li joqgħod viċin oħtha f'Raħal Ġdid. Ix-xhud tgħid li Riccardo Aquilina kien jafdha lil oħtha tant li kien għamlilha prokura biex tiġbidlu l-pensjoni tal-Awstralja meta ma kienx ikun jiflaħ. Riccardo Aquilina kien jirrispettaha lil oħtha u kien jinkwetaha bix-xorb eċċessiv. Ix-xhud tgħid li oħtha qatt ma ħadet sold minn għand Riccardo Aquilina. Tgħid ukoll li Riccardo Aquilina qabel it-tilwima li kellu ma' oħtha qabel il-Milied tal-2013, kien qalilha li kien ħaseb f'oħtha fit-testment u li anki riedha li tieħu ħsieb it-tqassim tal-wirt tiegħu u għalhekk kienet sorpriża għaliha meta saret taf bit-testment ġdid tiegħu fejn lil oħtha ma kien ħallilha xejn.

[4] *A fol.* 24.
[5] *A fol.* 25.

"**Tessie Borg** fl-affidavit tagħha tgħid[6] li kienet ilha taf lill-attriċi madwar ħmistax-il sena meta ltaqgħu f'laqgħat il-Phoenicia li kienu jiġu organizzati għar-romol jew nies separati. Saru tant ħbieb li meta biegħet id-dar tagħha San Ġwann, marret tgħix Raħal Ġdid viċin tal-attriċi. Minn kemm kienet ilha taf lill-attriċi, din kienet tgħidilha li kienet tieħu ħsieb raġel anzjan mill-Ħamrun, tmur għandu madwar tliet darbiet fil-ġimgħa, tlestilu l-ikel għall-ġimgħa kollha u tagħmillu l-faċendi tad-dar. Ix-xhud tgħid li meta kienet marret tgħix Raħal Ġdid xi kultant kienet anki takkumpanja lill-attriċi għand Riccardo Aquilina u kienet taraha b'għajnejha tlestilu l-ikel, tnaddaflu l-kċina u l-platti, iġġiblu l-ħwejjeġ li kienet taħsillu u tgħaddilu d-dar tagħha. Ix-xhud tgħid li Helen Magri kienet tmur barra minn triqtha biex lil Riccardo Aquilina tgħinu f'li kellu bżonn u anki kienet daret bih meta darba kien l-isptar xi tmin snin qabel. Ix-xhud tgħid illi meta saħħet Riccardo Aquilina bdiet tmur lura, l-attriċi kienet tmur għandu kuljum biex tgħinu anki fil-Ħdud u tgħid ukoll li qatt ma ħallasha ta' dak kollu li kienet tagħmel miegħu.

"**Anna Seguna** f'affidavit tagħha tgħid[7] li hija taf lill-attriċi għax it-tifla tagħha Charmaine Gatt hija miżżewġa lil Christopher Gatt li jiġi t-tifel ta' oħt l-attriċi, Monica Gatt. Hija tgħix il-Ħamrun ftit 'il bogħod minn fejn kien joqgħod Riccardo u tgħid li l-attriċi kienet tgħin lil Riccardo Aquilina fil-faċendi kollha tad-dar. Ix-xhud tgħid li xi drabi kienet tmur iżżomm kumpannija lill-attriċi meta din kienet tkun għand Riccardo Aquilina u xi kultant it-tnejn li huma kienu jiġu għandha. Hi u żewġha Oreste kienu xhieda fit-testment ta' Riccardo Aquilina meta kien ħaseb fl-attriċi talli kienet iddur bih. L-attriċi kienet ta' spiss tgħaddi għandha qabel ma tmur għand Riccardo Aquilina u kienet hi stess ukoll tistiedinha għandu biex iżżommilha kumpannija filwaqt li tagħmillu l-faċendi. Kienet tagħmillu kollox, tisjir, ħasil u mogħdija tal-ħwejjeġ, ħasil tal-art u tal-ħġieġ ta' daru u kulma kien ikollu bżonn.

"L-attriċi **Helen Magri** fix-xhieda tispjega[8] li kienet iltaqet ma' Riccardo Aquilina ħmistax-il sena qabel fil-Fuego Pub, il-Qawra u wara kienet marret għal drink miegħu fejn spjegalha li kien għadu kif ġej mill-Awstralja u kien iddivorzjat darbtejn. Kien talabha n-numru tal-*mobile* tagħha u darba kien ċemplilha u stiedinha għal kafè għax xtaq ikellimha u spjegalha li l-erbat itfal tiegħu kienu msiefrin, tlieta l-Awstralja u l-ieħor l-Ingilterra u qalilha li ma kellu lil ħadd biex jieħu ħsiebu u jaħsillu. Dak iż-żmien hi kienet ilha 15-il sena separata mir-raġel tagħha u kienet aċċettat li tgħinu. Bdiet tieħu ħsiebu, tnaddaflu u tgħaddilu ħwejġu, taħsillu, twasslu bil-karozza kullimkien għax hu ma kienx isuq u issajjarlu għal kuljum. Tgħid li kien jgħidilha illi li tagħmel miegħu mhux mitluf għax kien ser iħallilha post u kienet ser taqsam mat-tfal fil-wirt tiegħu. L-attriċi tgħid li kienet damet tieħu ħsieb lil Riccardo Aquilina 15-il sena sakemm miet ta' 78 sena. L-attriċi tgħid ukoll li meta Riccardo

[6] *A fol.* 26.
[7] *A fol.* 27.
[8] *A fol.* 29 sa 41.

kien marad xi għaxar snin qabel, bintu Melissa Fenech kienet għal vaganza hawn Malta u hi kienet tmur għaliha biex imorru jżuruh l-isptar u tgħid li Melissa kienet taraha toħodlu l-ikel u l-ħwejjeġ nodfa. Wara Riccardo Aquilina kien qaleb għall-aħjar, iżda ftit qabel ma miet kien reġa' marad. L-attriċi tgħid li fil-passat Riccardo kellu bħal musmar fis-sinsla ta' dahru, però aktar riċenti kien mar lura minn saħħtu għax qabdu kanċer, tant hu hekk fl-aħħar xahar ta' ħajtu kienet tmur tarah kuljum l-isptar.

"L-attriċi tispjega li għal dak li kienet tagħmel ma' Riccardo, dan kien wegħda li jħallilha post flimkien ma' tnejn minn uliedu. Għar-rigward tal-ewwel testment fejn kien inkludieha fil-wirt, fl-2012 kien staqsieha jekk tafx xi nutar u kienet semmietlu lin-nutar Hugh Grima. In-nutar kien mar għand Riccardo Aquilina d-dar tiegħu għax ma kienx jiflaħ imur l-Belt għandu. In-nutar lesta t-testment u talabha ssib żewġ xhieda li ma jiġux minn Riccardo u kienet ġabitlu lil koppja ġirien tiegħu li kienet taf. L-attriċi tgħid li lil Riccardo kienet toħodlu ħsieb ukoll il-pensjoni u kienet tiġbed u tpoġġi flusu l-bank skont kif kien jgħidilha, permezz ta' prokura li kien għamlilha. Hija tgħid li ta' dan Riccardo Aquilina qatt ma ħallasha xejn, iżda kien wegħdha li ser jieħu ħsiebha fit-testment u li kienet ser tgawdi l-fond 27, Farsons Street, Ħamrun li kien u għadu mikri u li kienet ser taqsam kollox maż-żewġ uliedu. L-attriċi ssemmi wkoll li kellhom xi jgħidu fil-Milied tal-2013, sena qabel ma miet, għax hi kienet xtratlu ġakketta u hu ma kien xtralha xejn minkejja li kien jaqla' €1,200 kull 28 ġurnata bħala pensjoni ta' barra. L-attriċi tgħid li dak iż-żmien kienet issuppervjat u kienet waqfet tmur għandu u Riccardo kellu jkampa waħdu u kien iċemplilha kuljum jibki u hi ma riditx tmur għandu. Għall-ħabta ta' Frar 2014, iddispjaċieha għalih għax kien marid u marret lura tgħinu u hemm kien qalilha li reġa' għamel prokura f'isimha, għax l-ewwel waħda kien neħħieha. Hi staqsietu jekk għandhiex tqatta' l-kopja t-testment tiegħu li kien ta u kien qalilha biex ma tagħmilx hekk għax it-testment ma kienx biddlu. L-attriċi tgħid li kemm hi u anki ħutha Monica u Freddie, li lkoll kienu jafu kemm għamlet miegħu, baqgħu skantati meta saru jafu bit-testment ġdid li kien għamel Riccardo Aquilina.

"L-attriċi ssemmi l-episodju meta wieħed mit-tfal ta' Riccardo, Joseph Aquilina, li kien reġa' żżewweġ żmien ilu, fit-tieġ tiegħu l-Hilton ma kinux ħalluha toqgħod fuq il-mejda magħhom u ma' Riccardo u dan tant ħa għalih li mar ipoġġi ħdejha u qalilha li kien ser jaqta' lil Joseph Aquilina mill-wirt.

"L-attriċi tgħid li meta reġgħet marret lura tgħin lil Riccardo Aquilina wara t-tilwima li kellhom, ix-xogħol żdied għax apparti li kienet toħodlu ħsieb id-dar u l-ikel, kellha l-ġiri l-isptar u kienet toħodlu l-ikel hemmhekk darbtejn kuljum meta reġa' daħal l-isptar xi sitt ġimgħat qabel ma miet.

"L-attriċi tgħid ukoll li għall-ikel kienet dejjem tixtrilu minn butha u qatt ma ta xejn. Il-prokura li kien għamlilha kienet biss biex tivverifika li

daħlulu ċ-ċekkijiet tal-pensjoni u kienet tiġbed xi flus skont kif kien jgħidilha biex tagħmel. Fl-aħħar żmien ta' ħajtu Riccardo Aquilina kien saħansitra xi kultant jitlobha xi mitt Euro sakemm tidħollu l-pensjoni u kienet għarrfet b'dan anki lit-tifla tiegħu Melissa Aquilina li kienet tgħix barra. Din kienet qaltilha li tifhimha għax anki meta kien ma' ommha, missierha kien jixrob ħafna u kien iħalli lil ommha bla flus. L-attriċi tgħid li Riccardo kien jixrob ħafna u semmiet l-episodju meta kien ċemplilha għax kien waqa' mal-art id-dar tiegħu u kienu marru għandu hi u oħtha u qalet li din kien għamilha kemm-il darba. L-attriċi tgħid illi anki meta kellu bżonn imur l-isptar Riccardo Aquilina kien ċemplilha u kienet tieħu ħsieb hi. Hi tgħid li qatt ma messet l-flus tiegħu anki meta kien qalilha tieħu xi flus qabel ma telaq għall-aħħar darba l-isptar.

"L-attriċi tgħid li saret taf bit-tieni testment ta' Riccardo Aquilina meta kienet l-isptar u kien għadu kif miet. Ħu Riccardo, Joseph Aquilina, li kien jogħod viċin tagħha Raħal Ġdid, fl-isptar qalilha biex tagħtih iċ-ċavetta tad-dar ta' Riccardo u wrieha t-testment u qalilha li hi ma kien messha xejn minn ta' Riccardo. Hi rrifjutat li tagħtih iċ-ċavetta għax dan qatt ma kien mar jarah lil ħuh u Joseph Aquilina kien heddidha li se jbiddel is-serratura tad-dar ta' ħuh. Fil-fatt tliet ijiem wara meta mill-isptar ċemplulha biex teħdilhom il-magna tal-ossiġnu li kienu sellfu lil Riccardo Aquilina, kienet sabet is-serratura tal-post ta' Riccardo mibdulha. L-attriċi tgħid li f'dan il-post kellha kamra tas-sodda u pultruna tal-ġilda tagħha kif ukoll xi ħwejjeġ tagħha li ma setgħetx toħodhom lura. Għad li meta kienet ċemplet lill-konvenuta Melissa Aquilina din donnha żammet magħha, imbagħad kienet daret kontriha meta saret taf li missierha kien biddel it-testment u ħalla kollox lilha u lil ħuha Frank. Meta l-attriċi kienet qaltilha li jiddispjaċiha li kienet allura se jkollha tfittex lill-konvenuti l-Qorti, il-konvenuta neħħietha mill-*Facebook* tagħha u ma baqgħetx tkellimha aktar. L-attriċi tgħid ukoll li kienet xorta organizzat il-funeral ta' Riccardo ma' ħuh u kuġinuh, iżda ma ħarġet xejn minn butha u wara l-funeral ma kellhiex aktar kuntatt mal-qraba ta' Riccardo.

"In kontroeżami[9], l-attriċi ġiet mitluba tesebixxi kopja tal-prokuri li kienet xehdet dwarhom u spjegat li dawn kienu għand il-Bank of Valletta. Hi kienet tmur il-bank bil-Karta tal-Identità tagħha u l-bank kien jivverifika li kellhom il-prokura tagħha. L-attriċi tinnega li qatt kellha relazzjoni intima mad-*decuius* u allavolja kienet daħlet kamra tas-sodda użata fid-dar ta' Riccardo, hija qatt ma raqdet għandu u kienet biss tieħu ħsiebu. L-attriċi tgħid li kellha ċavetta tal-post ta' Riccardo għax kienet tmur tnaddaflu, u kellha din iċ-ċavetta kemm meta kien għadu b'saħħtu u kemm meta kien marid.

[9] *A fol.* 42 sa 44.

"**Joanna Bartolo**, Senior Manager Litigation fl-uffiċċju legali tal-Bank of Valletta[10] esebiet żewġ prokuri tal-bank magħmulin mid-*decuius* fuq l-attriċi, waħda datata 24 ta' Ottubru, 2011 u l-oħra datata 19 ta' Novembru, 2014.[11] Ix-xhud spjegat li l-prokuri kienu rigward l-uniku kont li Riccardo Aquilina kellu mal-bank u esebit *statement* ta' dan l-istess kont mill-1 ta' Jannar, 2014 sal-aħħar ta' Diċembru, 2014.[12]

"Il-konvenut **Frank Aquilina** fl-affidavit tiegħu jgħid[13] li huwa jirrisjedi l-Awstralja u li l-ewwel draba li kien sar jaf bl-attriċi kien meta fl-2009 jew l-2010 kien ċempel lil missieru u kienet irrispondiet l-attriċi. Meta qalilha li hu kien iben Riccardo, hi qaltlu li jisimha Helen u li xi kultant kienet tagħmel xi tindif u tisjir lil missieru. Fil-fatt qal li hu ħasibha li kienet il-fattiga. Meta kellmu missieru, qallu li kienet persuna li hu jħallas biex tnaddaflu, tagħmillu ix-xiri u xi kultant issajjarlu. Il-konvenut jgħid li reġa' kellem lill-attriċi meta kien ċempel lil missieru fl-2014 biex jagħtih l-aħbar li kien sar bużnannu.

"**Roderick Camilleri**[14], li kien il-*boyfriend* ta' Melissa Aquilina, jgħid li hu sar jaf bl-attriċi ċirca fl-2006 jew l-2007 meta kien qed jgħix magħha u ma' missierha Riccardo Aquilina fil-fond 25, Farsons Street, il-Hamrun. Jgħid li l-attriċi kienet kultant tgħin lil Riccardo Aquilina fil-faċendi tad-dar. Xi darbtejn fil-ġimgħa kienet issajjarlu l-ikel u kienu jieklu flimkien. L-attriċi kienet tnaddaflu d-dar u ħwejġu iżda mhux meta kienu hemm huma għax dak iż-żmien kienet tieħu ħsieb Melissa. Ix-xhud jgħid li diversi drabi Riccardo Aquilina kien jixtri affarijiet tal-ikel u jpoġġihom fil-*fridge* u kien jgħidlu biex ma jmisshomx għax dawk kienu biex issajjarhom l-attriċi. Ix-xhud jgħid li kienu ra wkoll lil Riccardo Aquilina jħallas lill-attriċi kemm bi flus kontanti, ikel u sigarretti u kien jisimgħu jgħid lin-nies li dejjem kien iħallasha għat-tindif u tisjir li kienet tagħmillu.

"**Joseph Aquilina**, iben Riccardo Aquilina, fl-affidavit tiegħu jgħid[15] li mhux minnu li l-attriċi ma kinitx titħallas ta' xogħolha għax meta kien ikellem lil missieru u l-konversazzjoni kienet taqa' fuq l-attriċi, kien jgħidlu li kien iħallasha ta' xogħolha. Ix-xhud jgħid li missieru kien jgħidlu li xi kultant kienet issajjarlu u tnaddaflu bi ħlas, iżda kien jgħidlu li aktar kien jiekol barra għand tal-Barun, il-Ħamrun. Skont ix-xhud, l-attriċi kienet għarusa ma' missieru tant li fit-tieġ tiegħu missieru kien ġabha bħala *guest* tiegħu u meta missieru induna li lill-attriċi ma kinux poġġewha mal-mejda tal-familja, missieru kien iġġieled miegħu u kien mar poġġa ħdejha u ftit wara telqu mit-tieġ.

[10] *A fol.* 50 u 51.
[11] Rispettivament *a fol.* 52 u 53.
[12] *A fol.* 54 sa 56.
[13] *A fol.* 65.
[14] *A fol.* 68.
[15] *A fol.* 71 u 72.

"Joseph Aquilina qal li kien ilu jgħix l-Ingilterra madwar 20 sena, però kien jiġi Malta għal btala darbtejn jew tliet darbiet fis-sena. Kien iċempel lil missieru ta' spiss u kien jiltaqa' miegħu meta jkun Malta u mhux l-ewwel darba meta kienu jmorru jieklu barra mal-familja tiegħu u ma' missieru, anki l-attriċi kienet tkun hemm. Ix-xhud jgħid li kull darba li kien imur jara lil missieru d-dar tiegħu, darba biss inzerta lill-attriċi u jgħid li din kellha żewġ xogħlijiet, wieħed minnhom ta' *hairdresser.*

"Joseph Aquilina jgħid li missieru kien qallu li kien xtara karozza għall-attriċi, iżda ma kienx jafx kemm kienet tiswa. Dwar saħħet missieru, kontra dak li qalet l-attriċi, ix-xhud jgħid li missieru kien b'saħħtu ħlief fl-aħħar ftit xhur ta' ħajtu u anki meta kellu problema medika xi 9 jew 10 snin qabel, kien irkupra tant li kien ħareġ miegħu anke Paceville u kienu jdumu sa xil-5 ta' filgħodu. Ix-xhud jgħid li mhux minnu li Riccardo Aquilina kellu bżonn l-assistenza. Ix-xhud jgħid li veru missieru ma kellmux għal xi sena wara l-inċident tat-tieġ, iżda wara reġgħu bnew relazzjoni tajba bejniethom u sar jaf biss wara mewtu li kien eskludieh mill-wirt u li qabel kien għamel testment fejn kien inkuda lill-attriċi fit-testment. Ix-xhud jammetti li kienet l-attriċi li ċemplitlu meta miet missieru, u din qaltlu li jekk missieru ma jiġix midfun f'*Boxing Day* il-funeral kien ser jiġiha €150 aktar, però jgħid li l-funeral tħallas kollu mill-kont ta' missieru.

"In kontroeżami x-xhud jikkonferma[16] li kien biss fl-aħħar sentejn qabel ma miet missieru li ma kienx baqa' jkellem lil missieru ta' spiss. Isostni li missieru kien jagħti lill-attriċi flus għat-tindif, xiri u saħansitra kien xtralha karozza, iżda jgħid li ma kien jaf li kien għamlilha prokura jew li kien jissellef flus minn għandha. Ix-xhud jgħid li kien missieru li kien qallu li kien joħroġ mal-attriċi u jgħid ukoll li seta' kien hekk għax missieru ma kienx isuq u kienet isuqu l-attriċi. Però in rieżami[17], ix-xhud jgħid li missieru kien jgħidlu li kien joħroġ mal-attriċi u mhux li kienet twasslu u li meta ħarġu flimkien hu ma' martu u missieru mal-attriċi, kienu ħarġu *"as couples".* Ix-xhud jammetti wkoll li kienu ftit id-drabi li l-attriċi kienet akkumpanjathom meta hu kien joħroġ ma' missieru u ammetta wkoll li meta huwa kien imur jara li l-missieru filgħaxija, ma kienx jara lill-attriċi u ma jafx li din qatt raqdet għand missieru. Ix-xhud jgħid ukoll dwar il-karozza li missieru kien qallu li xtara lill-attriċi, li ma jafx jekk kienx xtraha hu jew kienx taha l-flus biex tixtriha, ma jafx x'kien il-prezz tagħha jew il-marka tal-karozza u lanqas jaf x'ġara llum minnha. Ix-xhud jammetta li l-attriċi kienet tħeġġu biex jirranġa ma' missieru.

"Il-konvenuta **Melissa Aquilina**, it-tifla ta' Riccardo, fix-xhieda tagħha tgħid[18] li kienet taf li missierha kellu lill-attriċi bħala ħabiba tiegħu għal madwar ħmistax-il sena, iżda mhux dejjem kienu flimkien. Il-konvenuta tgħid li fl-2005 kienet ġiet Malta għal disa' xhur u kienet qagħdet ma' missierha. Il-konvenuta tgħid li missierha kien b'saħħtu u hi meta kienet

[16] *A fol.* 139 u 140.
[17] *A fol.* 140.
[18] *A fol.* 73 sa 78.

għandu kienet tieħu ħsieb id-dar u taħsillu ħwejġu u dak iż-żmien ma kien jiġi ħadd jgħin lil missierha li kien ikun dejjem barra ma' ħbiebu u kien jiekol barra. Il-konvenuta tgħid li wara kienet telgħet lura l-Awstralja u sussegwentement kienet reġgħet ġiet lura Malta bl-intenzjoni li toqgħod hawn permanentement, però kienet damet biss xi disa' xhur. Fl-2006, missierha kellu wġigħ f'dahru u kellu jidħol l-isptar u kien hawn li hija reġgħet iltaqgħet mal-attriċi. F'dak il-perijodu kien ukoll ġie Malta l-*boyfriend* tagħha Roderick u kienet hi stess li tieħu ħsieb id-dar ta' missierha u mhux l-attriċi. Il-konvenuta tgħid li ma tafx jekk qabel l-attriċi kinitx toħodlu ħsieb hi lil missierha. Iżda meta missierha kien l-isptar, l-attriċi kienet iġġiblu l-ikel. Meta missierha rritorna d-dar u dan irkupra saħħtu, fl-2007 il-konvenuta rritornat lura l-Awstralja. Il-konvenuta tgħid li wara saret taf li l-attriċi kienet tnaddaflu lil missierha, mhux kuljum, u kienet tagħmillu l-ħwejjeġ u ġġiblu l-ikel. Il-konvenuta tgħid li kienet ġiet lura Malta fl-2012 biex tlaqqgħu ma' binha ta' ħames snin u kienet qagħdet ma' missierha xi ħames ġimgħat u nofs. L-attriċi kienet ġiet ma' missierha l-ajruport u anki ħarġet flimkien magħhom biex jieklu Marsaxlokk. Il-konvenuta tgħid li f'dak il-perijodu saħħet missierha kienet tajba, kien joħroġ, jiekol u jixrob barra. Il-konvenuta tgħid ukoll li missierha kien jgħid ma' kulħadd li lill-attriċi kien iħallasha biex issajjarlu u tnaddaflu u kienet tara b'għajnejha lil missierha li kien jixtri l-affarijiet tal-ikel u kien jgħaddihom lill-attriċi biex issajjarlu. Ix-xhud tgħid li missierha quddiemha kien ta xi flus lill-attriċi u kien spjegalha liema kienu għall-ikel u liema għaliha u taf li kien jixtrilha rigali bħal ilbies u affarijiet oħra. Il-konvenuta tgħid li la kienet tikkonsidra lill-attriċi bħala fattiga u lanqas bħala *carer,* iżda bħala ħabiba ta' missierha, tant li kienet marret miegħu għat-tieġ ta' ħuha u ta' kuġinitha. Missierha kien qalilha wkoll li lill-attriċi kien xtralha karozza. Il-konvenuta tgħid li missierha kien isuq, però minħabba li kienet naqsitlu l-vista, fl-2012 kien waqaf isuq. Fl-okkażjonijiet li hija kienet Malta, kien l-għarus tagħha li kien iwassal lil missierha bil-karozza u l-attriċi kienet twasslu biss meta kienu joħorġu flimkien jieklu. Il-konvenuta esebiet ukoll applikazzjonijiet u karti oħra li sabet fid-dar ta' missierha datati 2014 relatati mas-servizz tal-*emcare* u *telecare*[19] u karti oħra dwar kiri ta' *nebulisers* mill-Isptar Mater Dei u minn Sidroc Services Limited, fejn kien hemm imniżżel Victor Attard, kuġin ta' missierha[20] bħala l-*contact person* f'każ ta' emerġenza u mhux l-attriċi. Melissa Aquilina tgħid ukoll li l-attriċi kienet qaltilha li kienet taħdem mas-sorijiet sa nofsinhar u wara bħala *hairdresser* id-dar sal-ħamsa. In kontroeżami l-konvenuta tgħid[21] li kienet rat draba lil missierha jagħti flus lill-attriċi u għalkemm ma kinitx taf jekk kienx jagħti flus lill-attriċi meta hi kienet l-Awstralja, tgħid li missierha kien jgħidlha li hekk kien jagħmel. Il-konvenuta tgħid li missierha ma kienx qalilha li kien inkluda lill-attriċi fl-ewwel testment tiegħu minkejja li tgħid li kienet ħafna viċin tiegħu u kienet iċċempillu madwar darba fix-xahar.

---

[19] *A fol.* 88 u 82 rispettivament.
[20] *A fol.* 85 datata 23.06.2014.
[21] *A fol.* 78 sa 81.

"**Victor Attard**, kuġin ta' Riccardo Aquilina, xehed[22] li meta Riccardo ġie lura mill-Awstralja fl-1995 jew 1996, kienu joħorġu flimkien, imorru jieħdu xi *drink*. Ix-xhud jgħid li l-attriċi jafha bħala l-ħabiba ta' Riccardo u kienet tiġi miegħu meta jmorru xi tieġ tal-familja jew xi okkażjoni oħra u jgħid li kien jafha bħala t-tfajla tiegħu għax xi kultant kienu wkoll jitbewsu. Ix-xhud jgħid li tul il-15-il sena Riccardo Aquilina ma kellux lill-attriċi biss, imma kienu jinfirdu u jerġgħu jagħmlu paċi. Attard jgħid illi Riccardo Aquilina tul dawn is-snin kellu relazzjonijiet ma' tliet nisa oħra, waħda minnhom Russa li kien ġabha minn barra. Qal li saħħet Riccardo tul l-aħħar ħmistax il-sena kient tajba ħlief meta kellu musmar f'dahru, imma kien irkupra u fil-fatt kienu reġgħu bdew joħorġu jixorbu flimkien. Kien fis-sena meta miet fl-2014 li Riccardo Aquilina beda jaqta' nifsu. Riccardo kien qallu li dik is-sena l-attriċi kienet telqitu u meta staqsih x'ġara, qallu li kull meta kien jirċevi l-pensjoni kien jagħtiha €100 fix-xahar u flus biex tixtri l-ikel biex issajjarlu. Però x-xhud jispeċifika li dan kien qalulu Riccardo Aquilina u mhux għax rah hu jgħaddilha l-flus. Meta l-attriċi telqitu lil Riccardo, kien imur għandu kuljum għax kien jgħix viċin tiegħu, kien jagħmillu it-tè filgħodu u martu kienet issajjarlu xi ħaġa f'nofsinhar. L-aħħar darba li kien l-isptar ma' Riccardo u ħuh, kienet ġiet ukoll l-attriċi. Riccardo qalilha "x'ġejt tagħmel?" u hi bdiet tbusu u staqsietu jekk kienx biddel xi ħaġa mit-testment. Ix-xhud jgħid li Riccardo weġibha li kien ħalla kollox l-istess. Ix-xhud jgħid ukoll li hu kien jaf li Riccardo biddel it-testment għax kien ħadha bil-kbira meta telqitu l-attriċi u kien hu stess li ssuġġerielu ċertu nutar Tabone li jpoġġi l-Ħamrun. Jgħid li Riccardo kien qallu wkoll li kien għamliha depożitu ta' €3,000 fuq karozza u kien qed jħallsilha l-bilanċ b'mitt Euro fix-xahar. Attard ikompli jgħid li l-attriċi filgħodu kienet tmur taħsel x'imkien Baħar iċ-Ċagħaq u wara tagħmel ix-xagħar lin-nies u ma kellhiex wisq ħin għal kuġinuh u ftit drabi kien lemaħha għand kuġinuh.

"Xehed ukoll **Joseph Aquilina**[23], ħu Riccardo Aquilina, li qal li sar jaf bl-attriċi meta ħuh kien iġibha miegħu f'xi okkażjoni bħal tieġ. Ix-xhud jgħid li ħuh kien jgħidlu li l-attriċi kienet dejjem moħħha fil-flus u fit-testment. Qal li kien jitla' jara lil ħuh darba kull ġimagħtejn l-isptar u qatt ma inzerta lill-attriċi. Meta Riccardo Aquilina kien id-dar bil-maskra tal-ossiġnu, kien ikun hemm miegħu kuġinuh Victor Attard. Ix-xhud jgħid ukoll li meta kien għadu b'saħħtu, Riccardo kien iġġieled mal-attriċi għax kien jagħtiha mitt Euro fix-xahar u riedet aktar. Meta l-attriċi kienet telqet lil Riccardo, wara kien qatgħaha mill-wirt u dan skont ma kien qallu ħuh stess. Ix-xhud isemmi inċident li ġara meta mar jara lil ħuh l-isptar u dan ċempel lill-attriċi biex iġġiblu ftit brodu u hi qaltlu li ma kellhiex flus għall-ħaxix u ħuh qalilha li kien se jagħtihomla lura kif joħroġ mill-isptar. Ix-xhud jgħid li ħuh kien jgħidlu li dejqitu l-attriċi għax dejjem trid. Riccardo Aquilina kien jagħtiha flus għall-ikel u meta kienet tnaddaflu skont ma qallu ħuh kien jagħtiha xi €20. In kontroeżami[24] Joseph Aquilina jgħid li meta ħuh kien f'saħħtu, kien imur għandu xi

[22] *A fol.* 89 sa 93.
[23] *A fol.* 105 sa 112.
[24] *A fol.* 113 sa 122.

darba kull ġimagħtejn imma meta marad u kien l-isptar, kien imur jarah sikwit. Ix-xhud jgħid li qabel lil Riccardo kien isibu dejjem waħdu u kien jagħmel kollox waħdu. Ix-xhud jgħid li kien biss f'okkażjonijiet bħal tiġijiet li kien ra lill-attriċi ma' ħuh li kien qallu li kien joħodha miegħu biex ma jkunx waħdu. Joseph Aquilina jgħid li meta l-konvenuta kienet Malta, kienet tieħu ħsiebu hi lil missierha skont ma kien qallu Riccardo, iżda meta din marret lura l-Awstralja, ma jafx min kien jieħu ħsiebu. Ix-xhud jgħid li peress li kien jaf li ħuh kien biddel it-testment tiegħu u hu kellu ċ-ċwievet tad-dar ta' ħuh, hu kien mar ifittex it-testment fid-dar ta' ħuh u wara li sabu kien qal lill-attriċi li hija kienet maqtugħa mit-testment. Ix-xhud jgħid li wara li miet ħuh, kienu ċemplulu mill-isptar għall-magna tal-ossiġnu u kien hu u kuġinuh li ħaduha lura l-isptar u mhux l-attriċi.

"**Angelica Aquilina**, il-mara ta' ħu Riccardo, fix-xhieda tagħha tgħid[25] li kienet taf lill-attriċi għax xi tliet snin qabel kienet preżenti għal tieġ tal-familja. Ix-xhud tgħid li meta għall-ħabta tal-2013 żewġha daħal l-isptar b'attakk f'qalbu, kien mar jarah Riccardo u dan qalilhom li l-attriċi kienet dejqitu għax dejjem trid il-flus u li kien anki qatgħaha mit-testment. Ix-xhud tgħid li Riccardo Aquilina lill-attriċi kien iħallasha tax-xogħol li tagħmillu għax darba kienet iltaqgħet magħha fil-pjazza ta' Raħal Ġdid u l-attriċi qaltilha li ma kinitx kuntenta bil-flus li kien jagħtiha Riccardo. Ix-xhud tgħid li meta Riccardo Aquilina daħal l-isptar ma kinitx iltaqgħet mal-attriċi għax Riccardo u l-attriċi kienu miġġieldin u skont Riccardo r-raġuni kienet waħda ta' flus.

"**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

"Minn analiżi tax-xhieda prodotta, jirriżulta li hemm konflitt bejn il-verżjoni tal-attriċi u l-provi li ressqet u l-verżjoni tal-konvenuti u l-provi li huma ppreżentaw. Li hu tal-akbar rilevanza għall-kawża odjerna huwa jekk l-attriċi kinitx toffri serviġi lid-*decuius* mingħajr kumpens iżda bl-aspettattiva li ser tiġi rikumpensata fit-testment tiegħu jew jekk effettivament kinitx titħallas ta' dawn is-serviġi reżi minnha. L-*onus probandi* jinkombi fuq min jallega kif wara kollox jagħmilha ċara l-artikolu 562 tal-Kap. 12 li min jallega jrid jipprova. L-attriċi tallega li rrendiet serviġi lid-defunt Riccardo Aquilina li ma tħallsitx tagħhom tul ħajtu. Mill-banda l-oħra l-konvenuti jsostnu permezz tal-provi illi huma ressqu li missierhom sakemm kien għadu d-dar kien jieħu ħsieb tiegħu nnifsu u li fi kwalunkwe każ Riccardo Aquilina kien iħallas lill-attriċi ta' xi serviġi li hija pprestatlu. Il-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-liġi abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha u dan anki fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna[26], li min jallega jrid jipprova, ossija *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*:

[25] *A fol.* 123 sa 129.

[26] **Dr H. Lenicker *vs.* J. Camilleri**, P.A., 31.05.1972, **Peter Paul Aquilina *vs.* Paul Vella**, App. Inf., 02.05.1995 u **Anthony Azzopardi *et. noe vs.* Lapsi Holdings Limited**, P.A., 19.01.2015, **Theuma *vs.* Mercieca,** Q.A., 20.02.1996, **Fenech Clarke *et vs.* Borg *et,*** Q.A., 30.05.1997, **Martin Mifsud *et vs.* Marika Almerigo,** P.A., 16.04.2013, **Joseph Zammit *vs.* Joseph Hili**, Q. A., 27.06.1953, **Frank Giordimaina Medici *et vs.* William Rizzo et,** P.A.,

> "Il-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dana għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli ebda dubbju raġjonevoli". (**Eucaristico Zammit *vs.* Eustrachio Petrococchino**, App. 25.02.1952).[27]

"Illi fejn ikun hemm tali konflitti fil-provi u verżjonijiet opposti għal xulxin, il-ġurisprudenza nostrana tgħallimna li din hi sitwazzjoni sfortunatament komuni, u anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè ikun hemm verżjonijiet kontrastanti li:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[28]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs.* Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' versjonijiet li jesisti f'din il-kawza għandu jiġi esaminat liema waħda mit-tezijiet konfilinġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi esaminat jekk xi waħda mill-versjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jesistu tali provi konsegwentement ikun hemm

---

28.04.2004, **Middle Sea Insurance p.l.c. *vs.* Rudolph Spiteri**, P.A., 31.01.07, **Strings Enterprises Ltd. *vs.* Philip Carbonaro *et,*** P.A., 07.05.13 u **Mizzi *noe vs.* Borg *et,*** P.A., 29.09.2009.

[27] Ara wkoll **Paul Vassallo *vs.* Carmelo Pace**, Q.A., 05.03.1986 u **Group 4 Securitas (Malta Limited) *vs.* Godfrey Lopez *et***, P.A., 25.11.2013.

[28] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.

sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi esaminat ukoll jekk jesistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[29]"

"Illi dwar il-provi li partijiet għandhom iressqu, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[30] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

"a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timpani a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża ta' l-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, Pt.i, pġ.5**;

"b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri prima facie li t-teżi tal-attur hija sostenuta' – Ara **Vol. XXXVII, Pt.i, pġ.577**;

"ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

"d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara

[29] *Vide* wkoll P.A., 09.12.2011 **Dr Elizabeth Vella M.D. *vs.* Bieb Bieb Limited *et.***
[30] App. Inf.,12.04.2007.

b'eżempju **Ramchand Kilumal** ***noe vs.*** **Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912 (Vol.XXIV.Pt.i, pġ.104).

"Applikati dawn il-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, tqis illi hemm ċerta konsistenza fil-provi ppreżentati mill-attriċi b'kuntrast mal-inkonsistenzi kbar fil-provi mressqa mill-konvenuti. Il-verżjoni tal-attriċi u tal-qraba u ħbieb tagħha li kienu jafu biċ-ċirkostanzi mertu ta' din il-kawża, kienet invarjabbilment li l-attriċi rrendiet serviġi lil Riccardo Aquilina bl-aspettattiva li din kienet eventwalment ser tiġi kkumpensata wara mewtu. Tqis il-verżjoni tal-attriċi bħala kredibbli tenut kont tal-fatt illi fl-ewwel testment ta' Riccardo Aquilina tas-16 ta' Jannar, 2012 li dam fis-seħħ sal-25 ta' Frar, 2014, kien proprju dan li għamel li b'titolu ta' legat ħalla lill-attriċi l-użu u l-użufrutt tal-fond mikri lil terzi numru sebgħa u għoxrin (27) Triq Farsons, Ħamrun barra minn hekk ħallieha werrieta fit-terz indiviż flimkien mal-konvenuti tal-assi kollha tiegħu u dana "b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih." Li l-attriċi rrendiet serviġi lil Riccardo Aquilina u kienet ilha ddur bih huwa fatt li tixhdu proprju din id-dispożizzjoni testamentarja tad-*decuius* li tant ma kienx iħallas lill-attriċi tul ħajtu għas-serviġi li pprestatlu, li ried jikkumpensaha wara mewtu.

"Il-verżjoni tal-konvenuti fiha wisq diskrepanzi u inverosimiljanzi biex tiġi emmunuta. Tqis li x-xhieda prodotti mill-konvenuti tista' tgħid li kollha jsostnu li Riccardo Aquilina kien jgħid ma' kulħadd li lill-attriċi kien iħallasha tas-serviġi reżi minnha. Imma x'kienet ir-raġuni li Riccardo Aquilina kien joqgħod jgħid ma' kulħadd li lill-attriċi kien iħallasha meta fil-ħajja normali, jekk wieħed iqabbad lil xi ħadd jgħinu fil-faċendi tad-dar, l-intiża hi li dik il-persuna qiegħda titħallas għall-ħidma tagħha u m'hemmx għalfejn li wieħed jogħqod jirrepeti dan ma' kulħadd. Pereżempju Frank Aquilina li l-uniku kuntatt li kellu ma' missieru kien permezz tat-telefon, fix-xhieda tiegħu jgħid li meta missieru spjegalu min kienet dik li irrispondiet it-telefon, kien qallu li kienet persuna li tgħinu d-dar u li kien iħallasha. Tqis illi fil-ħajja reali ta' kuljum mhu verosimili xejn illi meta wieħed isemmi persuna li tnaddaflu d-dar jew li taħsillu l-ħwejjeġ jew li tippreparalu l-ikel, se joqgħod isemmi wkoll illi din kienet qiegħda titħallas, aktar u aktar meta Frank Aquilina qatt ma kien ġie Malta biex jara lil missieru u dan tal-aħħar żgur li ma kellux għalfejn jagħtih rendikont ta' x'jagħmel bi flusu. Tqis illi dan kien biss tentattiv daparti tal-konvenuti li realistikment ma kinux jafu jekk Riccardo Aquilina lill-attriċi kienx iħallasha jew le, u li wżaw din it-tattika biex jikkontradixxu dak li xehdet l-attriċi. Min-naħa tagħha l-konvenuta Melissa Aquilina tgħid li meta kienet l-Awstralja, ma tafx jekk missierha lill-attriċi kienx iħallasha, iżda taf biss li kien jgħid ma' kulħadd li kien iħallasha.

"Illi kwantu għall-episodju meta fiż-żmien li kienet Malta tgħix fid-dar ta' missierha tgħid li kienet ratu jagħti lill-attriċi xi flus u kien qalilha liema kienu għax-xiri tal-ikel u liema kienu bħala ħlas lilha, tqis illi s-sussegwentement fl-istess xhieda l-konvenuta tispiċċa tikkontradixxi ruħha meta tgħid li fiż-żmien li kienet tgħix fid-dar ta' missierha, kienet

hi li tagħmel il-faċendi u t-tindif fid-dar ta' missierha u allura proprju f'dak il-perijodu żgur ma kienx hemm għalfejn Riccardo Aquilina iħallas lill-attriċi għal xi serviġi.

"Tqis illi hemm konfużjoni fix-xhieda tal-konvenuti u l-qraba tagħhom meta biex ixejnu t-talbiet tal-attriċi, xi wħud minnhom jgħidu li l-attriċi u d-*decuius* kienu joħorġu flimkien bħala koppja. Ix-xhud Joseph Aquilina, iben id-*decuius,* li ġie maqtugħ mill-wirt minn missieru minħabba 'abbandun u għax qatt ma ġablu rispett'[31], jgħid li kien iqis lill-attriċi biss bħala l-għarusa ta' missieru u insista f'korrezzjoni li għamel fix-xhieda tiegħu in kontroeżami, li meta kienu joħorġu flimkien dejjem kienu joħorġu bħala koppji u b'hekk jispiċċa jikkontradixxi dak li jikkontendu l-konvenuti li l-attriċi kienet tippresta lil missierhom serviġi bi ħlas.

"Tqis ukoll illi bil-provi li ressqu, il-konvenuti ttentaw ipinġu lill-attriċi bħala waħda li kien moħħha biss fil-flus li setgħet takkwista mingħand missierhom. Victor Attard jgħid li l-attriċi tant kienet moħħha fil-flus, li tfaċċat biss meta Riccardo Aquilina kien qed imut l-isptar u staqsietu jekk kienx biddel it-testment u dan, skont Attard, semgħu hu stess u anki kuġinuh Joseph Aquilina li kien preżenti dak il-ħin. Din hija wkoll il-verżjoni li jagħti Joseph Aquilina, ħlief għal dettal importanti fejn jgħid li dan id-diskors ma kienx semgħu hu direttament, iżda jgħid li kien qallu bih Riccardo Aquilina.

"Tqis bħala mhux kredibbli l-għidut li jagħmlu riferiment għalih diversi xhieda prodotti mill-konvenuti li Riccardo Aquilina kien anki saħansitra kkumpensa lill-attriċi b'rigali, partikolarment b'karozza, fejn ħadd minn dawn ix-xhieda ma jgħid x'kienet il-marka jew in-numru ta' reġistrazzjoni ta' din il-vettura, kemm kienu l-flus li suppost ħareġ Riccardo Aquilina għal din il-karozza u minn liema kont tal-bank inħarġu. Bħalma l-allegazzjonijiet magħmula mill-attriċi trid tippruvahom hi, daqstant ieħor l-allegazzjonijiet li jsiru mill-konvenuti jridu jippruvawhom huma, ħaġa li din il-Qorti tqis li ma għamlux sal-grad probatorju rikjest fil-kamp ċivili u ma rnexxilhomx għalhekk ixejnu l-allegazzjonijiet tal-attriċi u l-provi u xhieda li ressqet.

"Tqis fuq kollox li bħala prova inkonfutabbli favur it-teżi tal-attriċi hemm it-testment ta' Riccardo Aquilina tas-16 ta' Jannar, 2012 fejn b'rikonoxximent u b'ringrazzjament ta' kemm kien ilu jaf lil Helen Magri u ta' kemm kienet ilha ddur bih, mhux biss iħallilha b'titolu ta' legat l-użu u l-użufrutt tal-fond mikri lil terzi numru 27, Triq Farsons, Ħamrun, imma istitwieha wkoll bħala waħda mit-tliet eredi universali tiegħu. Dan it-testment huwa indikattiv ta' kemm Riccardo Aquilina kien jistma s-serviġi reżi mill-attriċi għall-valur ta' mill-inqas terz indiviż tal-assi kollha tiegħu:

"It-Tieni Artikolu

[31] Ara *fol.* 8, fit-testment tas-16 ta' Jannar, 2012.

> "It-testatur qiegħed iħalli b'titolu ta' legat lil Helen Magri mart legalment separata minn Angelo Magri bint il-mejtin Carmelo Briffa u Josephine née Azzopardi residenti Redentur, numru tnejn u erbgħin (42) New Street, Paola l-użu u l-użufrutt tal-fond preżenzjalment mikri lil terzi u ċjoè il-fond numru sebgħa u għoxrin (27) Triq Farsons Ħamrun u dana b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih.
>
> "*Omissis...*
>
> "It-testatur ikompli jiddikajara illi kwantu għaż-żewġ uliedu Rita Zahra u Joseph Aquilina, dawn qatt ma ġabulu rispett u jħossu li ġie abbandunat minnhom; Għaldaqstant in vista ta' din id-dikjarazzjoni it-testatur qiegħed jiddiseredita għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi liż-żewġ uliedu Joseph Aquilina u Rita Zahra aħwa Aquilina.
>
> "Salv il-premess it-testatur il-komparenti Richard Aquilina qiegħed jinnomina u jistitwixxi bħala eredi universali u padruni assoluti tal-assi kollha tiegħu ereditarju liż-żewġ uliedu Melissa Aquilina u Frank Aquilina ulied ukoll Sylvia née Grech u ta' Felicia neè Pisani rispettivament u illi fuq imsemmija Helen Magri mart legalment separata minn Angelo Magri u dawna t-tlieta fi kwoti ndaqs bejnithom u fil-każ ta' Melissa u Frank Aquilina bis-sostituzzjoni volgari għar-rispettivi uliedhom f'każ ta' premorienza ta' xi wieħed jew waħda minnhom għat-testatur u in mankanza ta' tfal bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom.

"Tqis għaldaqstant li m'għandu jkun hemm ebda dubju li l-attriċi Helen Magri rrendiet serviġi lil Riccardo Aquilina u li dawn ġew reżi bl-intendiment u l-promessa ta' ħlas wara l-mewt tad-*decuius* b'dak li kien ser iħallilha fit-testment tiegħu, liema testment huwa indikattiv ta' kemm id-*decuius* kien jistma dawn is-servizzi, ċjoè mill-inqas terz indiviż tal-assi kollha tiegħu.

"Illi kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Tessie Micallef *et vs.* Lawrence Galea *et***[32]:

> "Skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna, fil-passat f'każ ta' serviġi prestati bejn parenti, kien jiġi ritenut li dawn ġew prestati "*familiaritatis causa*" u l-preżunzjoni kienet li ma kienx hemm ħsieb ta' kumpens. Però fil-ġurisprudenza aktar reċenti, anke fir-rigward tal-parenti, ġie applikat il-prinċipju li s-serviġi jiġu resi bi speranza ta' kumpens sakemm ma jeżistux ċirkostanzi li jiġġustifikaw il-gratwità (Ara sentenza **Anthony Catania *pro et noe vs.* Maria Agius** (Citaz. 1381/1993).[33] Fil-kawża **Agius *vs.* Galea**[34] ġie deċiż li l-prinċipju ta' gratwità ma għandux jiġi akkolt faċilment. F'sentenza mogħtija reċentement mill-Prim'Awla tal-Qorti

[32] P.A., 28.04.2011.
[33] P.A., 11.12.2003.
[34] P.A., 12.02.1996.

> Ċivili[35] fl-ismijiet **Maria Lourdes Brincat *vs.* Guiseppe Brincat *et*** (Citaz. 448/87FS) ġie dikjarat illi f'każ ta' serviġi ma hemmx preżunzjoni ta' gratuwità. Il-Qorti iddikjarat li "Min jallega li s-serviġi saru b'xejn irid iġib provi tajbin biex iwaqqa' il-presunzjoni li s-serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas".[36]

"Tqis illi anki jekk *dato non concesso* l-attriċi għamlet żmien toħroġ mad-*decuius* bħala koppja*,* xorta ma hemmx il-preżunzjoni tal-gratuwità u għall-kuntrarju hemm il-preżunzjoni *juris tantum* li s-serviġi ngħataw bi ħsieb ta' ħlas u sta għall-konvenuti fil-kawża odjerna li jressqu provi b'saħħithom li jippruvaw il-kontra. L-attriċi bil-provi li tellgħet, ewlenin fosthom it-testment tad-*decuius* tas-16 ta' Jannar, 2012, ippruvat sal-grad probatorju rikjest mil-liġi li ġew reżi minnha serviġi bl-intendiment u l-promessa ta' ħlas, liema ħlas f'dan il-każ għandu jsir mill-werrieta tad-*decuius.*

"*L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni*

"Illi kwantu għall-eċċezzjonijiet li ġew sollevati mill-konvenuti, fl-ewwel lok ġiet eċċepita l-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili. Fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Spiteri *et vs.* Anthony Spiteri *et***[37] ġie ritenut illi:

> "8. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni ta' ħames snin taħt l- art. 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, il-preskrizzjoni residwali li tolqot "kull kreditu ... ... ... meta l-kreditu ma jkunx jaqa' ... ... ... taħt preskrizzjoni aqsar". Il-konvenuti wieġbu illi l-obbligazzjoni kienet soġġetta għal kondizzjoni sospensiva – il-mewt tad-debitur – u għalhekk il-preskrizzjoni baqgħet sospiża sakemm kien għadu ħaj id-debitur.
>
> "*Omissis...*
>
> "......l-atturi ma setgħux jitolbu l-ħlas tagħha sakemm kien għadu ħaj id-debitur; aktar milli soġġetta għal kondizzjoni sospensiva – għax il-mewt hija ħaġa *"certa"* għalkemm *"incerta quando"* u għalhekk mhix kondizzjoni iżda terminu – l-obbligazzjoni kienet sospiża bi żmien u għalhekk il-preskrizzjoni wkoll kienet sospiża sakemm isseħħ il-mewt. Id-debitur miet fit-8 ta' Settembru, 2002 u minn dakinhar bdiet għaddejja l-preskrizzjoni.
>
> "Il-kawża nfetħet fit-2 ta' Awwissu 2006, anqas minn ħames snin wara, u għalhekk qabel ma għalqet il-preskrizzjoni.
>
> "10. L-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni, li kienet x'aktarx fiergħa fiċ-ċirkostanzi, hija għalhekk miċħuda."

---

[35] 17.03.2010.

[36] Ara wkoll **Victoria Azzopardi *vs.* Emanuel Azzopardi**, Q.A., 24.03.1989 u **Joseph Cassar *et vs.* Espedito Spiteri**, P.A., 04.10.2002.

[37] Q.A., 30.05.2014.

"Illi l-fattispeċi tal-kawża odjerna huma kemxejn differenti minn dawk tal-kawża suriferita fejn id-*decuius* permezz ta' skrittura kien obbliga lill-werrieta tiegħu sabiex fi żmien xahar mill-mewt tiegħu jħallsu somma flus lil min kien irrendielu s-serviġi. Fil-każ odjern kien hemm l-intendiment u l-promessa ta' Riccardo Aquilina li l-attriċi kienet ser tiġi kkumpensata wara mewtu tas-serviġi reżi lilu. Tant hu hekk fis-16 ta' Jannar, 2012 Riccardo Aquilina kien għamel testment fejn speċifika kemm kienet ser tirċievi l-attriċi "b'ringrazzjament ta' kemm kien ilu jafha u kienet ilha ddur bih." Minkejja li dan it-testment ġie mibdul minn Riccardo Aquilina fil-25 ta' Frar, 2014 *ad insaputa* tal-attriċi, xorta għandu japplika l-prinċipju enunċjat mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza suriferita, li bl-intendiment li kien jeżisti bejn l-attriċi u Riccardo Aquilina, l-attriċi setgħet taġixxi għall-ħlas tas-serviġi reżi minnha biss wara l-mewt ta' Riccardo Aquilina, ċjoè mill-24 ta' Diċembru, 2014. Din il-kawża ġiet istitwita fit-18 ta' Marzu, 2015 u għalhekk *ben entro* t-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin.

"Illi wara kollox dan hu rifless fl-artikolu 2137 tal-Kodiċi Ċivili.[38] Barra minn hekk l-aċċettazzjoni espressa tad-*decuius* fit-testment tiegħu tas-16 ta' Jannar, 2012 tal-ħlas dovut lill-attriċi għal dak kollu li hi għamlet miegħu, ċjoè tas-serviġi reżi minnha, ċertament interrompiet l-preskrizzjoni kwinkwennali u mit-testment tas-16 ta' Jannar, 2012 sakemm ġiet intavolata din il-kawża, lanqas fil-fatt għaddew ħames snin.

"*L-eċċezzjoni li l-konvenuti mhumiex il-leġittimi kontradittur*i

"Il-konvenuti eċċepew ulterjorment li huma mhumiex il-leġittimi kontradittur minħabba li huma ma aċċettawx il-wirt tad-*decuius,* u għalhekk il-wirt għandu jitqies battal *ai termini* tal-artikolu 903 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili. Fil-fatt l-artikolu 903 jistipula li l-wirt, sakemm ma jkunx aċċettat, jitqies battal; u, fuq talba ta' kull min ikollu interess, il-Qorti, bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 886, taħtar kuratur, kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Iżda l-Artikolu 886 jgħid li:

> "(1) Matul iż-żminijiet mogħtijin lill-werriet sabiex jagħmel l-inventarju u sabiex jaħsibha jekk jaċċettax jew le, dak li jkun imsejjaħ għall-wirt mhux obbligat jieħu l-kwalità ta' werriet.
>
> "(2) Iżda, huwa jitqies *de jure* kuratur tal-wirt, u, f'dik il-kwalità, jista' jiġi msejjaħ f'kawża biex jidher għall-wirt, u biex iwieġeb għat-talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra l-wirt.
>
> "(3) Kemm-il darba hu ma jidhirx, il-qorti taħtar kuratur biex jidher għall-wirt fil-kawża."

[38] "2137. Bla ħsara ta' dispożizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."

"Illi f'dawn il-proċeduri l-konvenuti qed jikkontestaw ukoll il-mertu tal-pretensjonijiet tal-attriċi u kif dawn jistgħu jolqtu l-wirt ta' missierhom. Il-konvenuti ma ġabu ebda prova li rrinunzjaw għall-wirt ta' missierhom kif kien jinkombi fuqhom li jagħmlu kieku effettivament irrinunzjaw għall-imsemmi wirt. Min-naħa l-oħra skont l-artikolu 850 tal-Kodiċi Ċivili l-aċċettazzjoni tal-wirt ma hemmx għalfejn tkun bilfors espressa, iżda tista' tkun ukoll taċita.[39] Ladarba l-konvenuti kkontestaw it-talbiet attriċi fil-mertu, dan għandu jfisser li impliċitament huma riedu jaċċettaw l-wirt. Kieku tabilħaqq il-konvenuti ma aċċettawx il-wirt ta' missierhom kienu jagħtu biss l-eċċezzjoni li l-wirt għandu jitqies battal *ai termini* tal-artikolu 903 *et seq* tal-Kap. 16, kienet issir il-korrezzjoni opportuna fl-okkju tal-kawża sabiex il-konvenuti jidhru bħala kuraturi li qed jirrappreżentaw l-wirt battal ta' missierhom, xi ħaġa li però ma saritx.

"L-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha issostni li dak li ġie stipulat minn Riccardo Aquilina fit-testment tiegħu tas-16 ta' Jannar, 2012 bħala rikonoxximent ta' kemm kienet għamlet miegħu Helen Magri, huwa indikattiv ta' kemm id-*decuius* kien ivvaluta s-serviġi reżi minnha. Fl-imsemmi testment Riccardo Aquilina kien ħalla lill-attriċi bħala legat l-użu u l-użufrutt tal-fond mikri lil terzi, ċjoè 27, Triq Farsons, Ħamrun, kif ukoll kien istitwieha bħala eredi universali tiegħu flimkien mal-konvenuti u kien ħallielha terz indiviz tal-assi kollha tiegħu. L-attriċi ssostni li dawn l-assi kienu jinkludu wkoll il-fond 25, Triq Farsons, Ħamrun, u jingħad li fit-tieni proċeduri għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, il-valur fis-suq ta' terz indiviż ta' dawn il-proprjetajiet fil-mument li ġie nieqes id-*decuius* kien dak ta' circa €65,000, u li għalhekk il-ħlas li qed tippretendi l-attriċi għas-servizzi reżi minnha lil Riccardo Aquilina huwa ta' €65,000. Iżda l-attriċi ma ressqet ebda provi dwar il-konsistenza tal-assi ta' Riccardo Aquilina, inkluż il-proprjetajiet imħollija fil-wirt tiegħu. L-attriċi ma ressqet ebda prova dwar il-valur ta' dawn il-proprjetajiet u l-Qorti sintendi ma tistax toqgħod fuq sempliċi asserzjonijiet da parti tal-attriċi li tagħmel riferiment għalihom l-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħha. Illi kif inhu risaput il-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jiġu imressqin quddiemha. Għaldaqstant il-Qorti ser tiffissa *arbitrio bonii viri* s-somma dovuta bħala ħlas tas-serviġi reżi minnha lil Riccardo Aquilina b'dan il-mod: 15-il sena neqsin xahrejn (il-perijodu li l-attriċi damet imlewma ma' Riccardo Aquilina) bir-rata ta' €200 fix-xahar, li jġib is-somma totali ta' €35,600, b'dan li l-imgħax legali jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

"<u>Decide</u>

"Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:

"1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti;

[39] "850. (3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet."

"2. Tilqa' l-ewwel talba tal-attriċi u tiddikjara li l-attriċi rrendiet serviġi lill-missier l-konvenuti Riccardo sive Richie Aquilina bl-intendiment u bil-promessa ta' ħlas wara mewtu;

"3. Tillikwida l-ammont dovut lill-attriċi *arbitrio bonii viri* fis-somma ta' ħamsa u tletin elf u sitt mitt Euro (€35,600) kif fuq spjegat;

"4. Tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* iħallsu lill-attriċi s-somma ta' ħamsa u tletin elf u sitt mitt Euro (€35,600) bl-imgħax legali li jibda jiddekorri mil-lum;

"5. Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u tal-proċeduri tal-mandat ta' inibizzjoni numru 462/2015/1LM deċiżi fis-26 ta' Mejju, 2015 kontra l-konvenuti *in solidum.*"

**<u>RIKORS TAL-APPELL tal-kuraturi deputati (05.02.2018):</u>**

3. Il-kuraturi deputati nomine ħassewhom aggravati bis-sentenza tal-ewwel Qorti u għalhekk interponew dan l-appell minnha. L-aggravji tagħhom huma s-segwenti:

**(i) <u>L-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta qieset li x-xiehda tal-attriċi hija aktar verosimili minn dik tal-konvenuti:</u>**

L-appellanti nomine isostnu li, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet l-ewwel qorti, il-verżjoni tax-xiehda mressqa mill-attriċi (li l-attriċi qatt ma ħadet sold mingħand il-mejjet Riccardo Aquilina għas-servizzi prestati lilu) hija vaga, inkonsistenti, u għal kollox vaga; filwaqt li l-verżjoni tax-

xiehda mressqa mill-konvenuti (li l-mejjet Riccardo Aquilina kien iħallas lill-attriċi ta' kull ma kienet tagħmel miegħu) hija konsistenti u lineari.

(ii) **L-ewwel Qorti żbaljat ukoll meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-leġittimi kontraditturi mressqa mill-konvenuti stante li sa llum għadhom ma aċċettawx il-wirt ta' missierhom**:

L-appellanti nomine isostnu li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta ċaħdet l-eċċezzjoni tal-leġittimi kontradittturi. Ifakkru li l-Artikolu 886 tal-Kap 16 li jipprovdi li kull persuna indikata bħala werriet, matul iż-żminijiet mogħtija lilha taħsibha taċċettax jew le l-wirt, mhux obbligata li tieħu l-kwalita` ta' werriet, u għalhekk jargumentaw li għaż-żmien ta' "10 snin" li tagħti l-liġi, persuna li tkun ġiet indikata bħala werriet, mhix obbligata li tirrinunzja jew taċċetta l-wirt. Iżidu jgħidu li l-konvenuti m'għamlu l-ebda *atti di erede* li bihom aċċettaw il-wirt u jilmentaw li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta qieset il-fatt li kkontestaw it-talbiet fil-mertu bħala aċċettazzjoni taċita tal-wirt.

(iii) **F'kull każ u mingħajr preġudizzju, l-ewwel Qorti żbaljat meta ma qisitx l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni**

**<u>kwinkwennali skont il-liġi:</u>**

L-appellanti nomine ifakkru li d-dritt għall-ħlas għal serviġi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali (Art. 2156(f)) tal-Kodiċi Ċivili. Jargumentaw għalhekk, li l-ewwel Qorti, se mai, setgħet tilqa' t-talbiet attriċi limitatament mit-18 ta' Marzu 2010 sal-24 ta' Diċembru 2014, eskluż dak iż-żmien ta' xahrejn li *ex admissis* ma kinitx qed tippresta serviġi, b'hekk total ta' 53 xahar.

**(iv) <u>F'kull każ u mingħajr preġudizzju ukoll, l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti huwa eċċessiv u ma jirriflettix il-provi miġjuba, u lanqas il-ġurisprudenza fl-istess materja</u>**

L-appellanti nomine jargumentaw li l-mejjet Riccardo Aquilina kien abbli u għaż-żmien li ssemmi l-attriċi, ma kellu bżonn l-ebda servizzi, iżda kien biss fl-aħħar sena ta' ħajtu li ddgħajjef. Jaċċennaw għall-fatt li kellu joie de vivre kbira u kien iħobb joħroġ jixrob. Jaċċennaw ukoll għall-fatt li kien applika għas-servizz tat-telecare, u servizzi simili mal-isptar Mater Dei fl-2014. Isostnu li mix-xiehda jirriżulta li l-attriċi kienet tiffrekwenta lil Riccardo Aquilina sporadikament u li in

oltre hija kienet fil-għodu taħdem mas-sorijiet u wara nofsinhar, sal-ħamsa, tmur tagħmel ix-xagħar. Jilmentaw bil-fatt li l-ewwel Qorti għażlet li tillikwida l-ammont eżorbitanti ta' €200 fix-xahar għal ħmistax-il sena sħaħ.

**<u>RISPOSTA TAL-APPELL tal-attriċi (22.02.2018):</u>**

4. L-attriċi appellata wieġbet biex tgħid li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti. Għall-aggravji tal-appellanti nomine, hija tirrispondi hekk:

(i) **<u>Dwar l-ewwel aggravju</u>**, issostni li l-verżjoni tal-konvenuti kienet mimlija taħwid, inkonsistenzi, inverosimiltajiet, inkredibbilitajiet, konfużjonijiet, u diskrepanzi u li konsegwentement kienet korretta l-ewwel Qorti meta skartat tali verżjoni u emmnet dik tagħha (li hija rrendiet serviġi lil Riccardo Aquilina bl-intendiment u l-promessa ta' ħlas wara mewtu, cioe` b'dak li ħallielha fit-testment relattiv.)

(ii) **<u>Dwar it-tieni aggravju</u>**, taċċenna għall-fatt li l-konvenuti daħlu fid-dar tad-decuius appena miet, li talbuha l-magna tan-nifs tiegħu li kienet tinsab f' darha, u li kkummentawlha

b'inkejja li issa li bl-aħħar testment li għamel hija ġiet eskluża. Targumenta li dan huwa aġir li jikkonfigura bħala aġir ta' eredi. In oltre targumenta li kif korrettament osservat l-ewwel Qorti, ladarba l-konvenuti kkontestaw it-talbiet fil-mertu dan għandu jfisser li impliċitament riedu jaċċettaw il-wirt.

(iii) **<u>Dwar it-tielet aggravju</u>** taċċenna għat-testment tal-2012 fejn Riccardo Aquilina iddikjara li kien qed iħallilha l-użu u l-użufrutt tal-fond 27, Triq Farsons, Ħamrun, preżenzjalment mikri lil terzi, "*b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih*", oltre li istitwiha bħala eredi universali tal-assi kollha tiegħu flimkien mal-konvenuti. Issostni li dan effettivament jammonta għal interruzzjoni jew ammissjoni tad-debitu reklamat in linea ta' serviġi.

(iv) **<u>Dwar ir-raba' aggravju</u>** issostni li l-ammont ta' €35,600 likwidat mill-ewwel Qorti ma huwa eċċessiv xejn. Targumenta li l-ammont ta' €200 fix-xahar, jekk diviż bir-rata ta' €10 fis-siegħa iwassal għal tlett kwarti kuljum; u jekk invece diviż bir-rata ta' €5 fis-sigħa iwassal għal siegħa u nofs kuljum. Tfakkar li l-ħin li tkun għamlet tivvjaġġa minn Raħal Ġdid għall-Ħamrun, issajjar, taħsel, u tgħaddi żgur

kien iktar minn tlett kwarti jew siegħa u nofs kuljum. In oltre tgħid li mhux minnu li ma kellux bżonn għajnuna u li seta' jagħmel kollox waħdu; anzi tgħid li għax kien tant jixrob li ġieli kienu jwassluh in-nies id-dar. Tfakkar ukoll li meta ltaqgħet miegħu kellu madwar 65 u meta miet kellu madwar 80 sena u għalhekk ma jistax jingħad li ma kienx anzjan.

**KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI:**

**It-tieni aggravju**: *Dwar l-eċċezzjoni tal-wirt battal/leġittimi kontraditturi*

5. Din il-Qorti jidhrilha li għandha tibda' biex tikkunsidra t-tieni aggravju stante li dan jirrigwarda t-tielet eċċezzjoni (preliminari) li ladarba ma jirriżultax li Frank u Melissa aħwa Aquilina aċċettaw il-wirt ta' missierhom Riccardo Aquilina, l-istess wirt għandu jitqies battal skont l-Artikolu 903 et seq tal-Kodiċi Ċivili, u konsegwentement jiġi li l-istess Frank u Melissa aħwa Aquilina m'humiex il-leġittimi kontradittturi f'din il-kawża.

6. L-Artikolu 903 tal-Kodiċi Ċivili ("*Meta l-wirt jingħad battal*") jipprovdi li:

> "*Il-wirt, sakemm*[40] *ma jkunx aċċettat, jitqies battal; u, fuq talba ta' kull min ikollu interess, il-qorti, bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 886, taħtar kuratur, kif jingħad fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u*

[40] "*until it is accepted*" fil-verżjoni bl-Ingliż

*Proċedura Ċivili."*

7. <u>L-imsemmi Artikolu 886</u> tal-Kodiċi Ċivili ("*Fiż-żmien li fih ikun isir –inventarju l-werriet jitqies kuratur"*) jipprovdi li:

> (1) *Matul iż-żminijiet mogħtijin lill-werriet sabiex jagħmel l-inventarju u sabiex jaħsibha jekk jaċċettax jew le, dak li jkun imsejjaħ għall-wirt mhux obbligat jieħu l-kwalita` ta' werriet.*
>
> (2) *Iżda, huwa jitqies de jure kuratur tal-wirt, u, f'dik il-kwalità, jista' jiġi msejjaħ f'kawża biex jidher għall-wirt, u biex iwieġeb għat-talbiet ġudizzjarji li jinġiebu kontra l-wirt.*
>
> (3) *Kemm-il darba hu ma jidhirx, il-qorti taħtar kuratur biex jidher għall-wirt fil-kawża.*

8. L-appellanti nomine jargumentaw illi mill-Artikolu 886 isegwi li persuna indikata bħala werriet, għaż-żmien ta' 10 snin mogħtija mil-liġi skont l-Artikolu 845(1) mhix obbligata li tirrinunzja jew taċċetta l-wirt. Dan mhux korrett. Fl-ewwel lok l-Artikolu 886 jirrigwarda ċirkostanzi fejn il-werriet ikun iddikjara li mhux bi ħsiebu jaċċetta l-wirt ħlief bil-benefiċċju tal-inventarju (fil-fatt l-Artikolu 886 jinsab taħt l-intestatura "*Fuq il-Benefiċċju tal-Inventarju*"), li mhux il-każ f'din il-kawża. Fit-tieni lok iż-żmien ta' 10 snin ai termini tal-Artikolu 845(1) li jirreferu għalih l-appellanti nomine m'għandu x'jaqsam xejn mat-terminu mogħti mil-liġi biex persuna li tkun iddikjarat li qed taċċetta bil-benefiċċju tal-inventarju tagħmel l-inventarju u tiddeċiedi jekk hix se taċċetta l-wirt jew le. L-10 snin li jissemmew fl-Artikolu 845(1) jirrigwarda ż-żmien li fih wieħed jista' jressaq azzjoni relatata mal-wirt, fil-fatt in-nota marġinali tal-Artikolu taqra "*Preskrizzjoni tal-azzjoni għat-talba ta' wirt eċċ".* :

> *"L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew is-sehem riżervat, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk ab intestato, tispiċċa bl-egħluq ta' għaxar snin mill-ftuħ tas-suċċessjoni."*

9. Se mai huwa applikabbli l-Artikolu 859 tal-Kodiċi Ċivili ("Preskrizzjoni tal-jedd tal-aċċettazzjoni ta' wirt battal") li jipprovdi li

> *"Il-jedd tal-aċċettazzjoni ta' wirt battal jispiċċa bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena."*

10. L-atturi appellanti isostnu li kienet żbaljata l-ewwel Qorti meta qieset li ladarba l-konvenuti ikkontestaw it-talbiet fil-mertu (permezz tar-raba' eċċezzjoni) dan jammonta għal aċċettazzjoni taċita tal-wirt ai termini tal-Artikolu 850(3).

11. L-Artikolu 850 tal-Kodiċi Ċivili ("*L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa jew taċita*") jaqra hekk:

> *(1) L-aċċettazzjoni tista' tkun espressa inkella taċita.*
>
> *(2) Hija espressa, meta wieħed jieħu l-kwalità ta' werriet f'att pubbliku jew f'kitba privata.*
>
> *(3) Hija taċita, meta l-werriet jagħmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaċċetta l-wirt, u li ma kienx ikollu l-jedd jagħmel jekk mhux bħala werriet.*

12. L-Artikoli 853 u 852 tal-Kodiċi Ċivili imbagħad jispjegaw x'inhuma dawk l-atti li jġibu jew ma jġibux l-aċċettazzjoni tal-wirt.

13. L-Artikolu 853 ("*Atti li jġibu aċċettazzjoni*") jipprovdi illi:

*"(1) Id-donazzjoni, il-bejgħ jew iċ-ċessjoni li wieħed mill-werrieta jagħmel tal-jeddijiet tiegħu ta' suċċessjoni, sew lil wieħed barrani, jew lill-oħrajn kollha li jkunu werrieta miegħu, jew lil xi wħud minnhom, iġibu l-aċċettazzjoni tal-wirt mill-parti tiegħu.*

*"(2) Dan igħodd ukoll –*

*"(a) għar-rinunzja magħmula, ukoll jekk bla ħlas, minn wieħed mill-werrieta favur ta' wieħed jew iżjed mill-werrieta l-oħra;*

*"(b) għar-rinunzja magħmula, ukoll jekk favur il-werrieta l-oħra kollha mingħajr distinzjoni, jekk dik ir-rinunzja ssir b'titolu oneruż.*

14. L-Artikolu 852 ("*Atti li ma jġibux aċċettazzjoni*") jipprovdi illi:

*"(1) L-ordnijiet mogħtija għall-funerali, l-atti ta' konservazzjoni, jew ta' amministrazzjoni tal-wirt għal xi żmien, ma jġibux aċċettazzjoni tal-wirt meta ma tkunx ittieħdet ukoll il-kwalita` ta' werriet.*

*"(2) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) japplikaw ukoll fil-każ ta' proċedimenti ġudizzjarji dwar azzjonijiet possessorji, f'liema każ il-persuna li tkun imsejħa għall-wirt titqies de jure kuratur tal-wirt skont l-artikolu 886(2).*

*"(3) Is-subartikolu (2) għandu japplika biss jekk il-persuna msejħa għall-wirt tiddikjara fl-azzjoni li tkun qed taġixxi fil-kwalità tagħha ta' de jure kuratur.*

15. Huwa mgħallem li sabiex wieħed jasal biex jikkonkludi li hemm aċċettazzjoni taċita ta' wirt "*dan irid ikun tali li ċertament, neċessarjament u univokament, minnu ma tkunx tista' tiġi inferita konsegwenza oħra ħlief dik li min għamlu ried jaċċetta l-eredita`.*"[41]

[41] Nobbli Rosario Ferro Attard Montalto –vs- Nobbli Charles Vella Bonavita et, Prim'Awla, Qorti Civili, 14 ta' Diċembru 1966

16. Ikkunsidrat dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-fatt li l-konvenuti kkontestaw it-talbiet fil-mertu (anke jekk "*mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit*") imur oltre att ta' sempliċi konservazzjoni jew amministrazzjoni tal-wirt ai termini tal-Artikolu 852 u huwa fil-fatt att li minnu għandu jiġi inferit univokament li l-konvenuti iridu jaċċettaw l-eredita`.

17. **L-aggravju relattiv huwa ghalhekk infondat.**

**L-ewwel aggravju:** *Dwar l-apprezzament tal-provi*

18. Din il-Qorti jidhrilha li huwa opportun li tikkunsidra l-ewwel aggravju rigwardanti l-apprezzament tal-provi qabel ma tikkunsidra t-tielet aggravju li jirrigwarda t-tieni eċċezzjoni (preliminari) tal-preskrizzjoni. Dan għaliex f'każ li jirriżulta li l-konvenuti huma debituri tal-attriċi in linea ta' serviġi irid jiġi stabbilit jekk kienx hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni, u dan ovvjament ikun jirriżulta mill-apprezzament tal-provi stess.

19. Il-konflitt prinċipali li jeżisti bejn il-verżjoni tal-attriċi u l-verżjoni tal-konvenuti jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk il-faċendi u l-qadi li l-attriċi kienet tagħmel lid-*decuius* Riccardo Aquilina tul 15-il sena (circa mill-2000 sal-2014) kinitx tagħmlu mingħajr ħlas iżda bl-aspettattiva li tiġi

kkumpensata fit-testment tiegħu, jew jekk invece kinitx titħallas ta' tali serviġi reżi minnha.

20. Skont il-verżjoni tal-attriċi, hija qatt ma ħadet sold ta' dak kollu li għamlet ma' Riccardo Aquilina tul 15-il sena sħaħ, għax għamlitu bl-intendiment u l-promessa li tiġi kkumpensata fil-futur, billi jiktibha fil-wirt.

- Oħtha Monica Gatt xehdet li kienet taf li l-attriċi kien ilha ddur b'Riccardo Aquilina 'il fuq minn ħmistax-il sena. Qalet li qatt ma ħallasha iżda hu stess kien qalilha li kien ħa ħsiebha fit-testment:

  "*Kien jafdaha, u bir-raġun, għaliex lilha biss sab u qatt ma ħadet sold mingħandu.*"

- Il-ħabiba tagħha Tessie Borg xehdet li kienet taf li l-attriċi kienet tagħmel dak kollu li Riccardo Aquilina kien ikollu bżonn, u li hija stess kienet taraha b'għajnejha taqdih mill-koxxa:

  "*Naf ukoll li Richie qatt ma ħallas xejn lil Helen għal dak kollu li għamlet miegħu*".

- L-attriċi Helen Magri xehdet li ltaqgħet ma' Riccardo Aquilina ġo bar il-Qawra għall-ħabta tal-2000 meta kien għadu ġej mill-Awstralja. Qalet li talabha n-numru tat-telefown u kien ċemplilha u qalilha li ried ikellimha; meta reġgħu iltaqgħu qalilha li hawn Malta ma kellux min jaħsillu u jieħu ħsiebu.

Qalet li aċċettat li ssajjarlu, taħsillu, tgħaddilu w anke tieħdu bil-karozza tagħha fejn ikollu bżonn. Qalet ukoll li kien jixrob ħafna u kienet tieħu ħafna paċenzja bih, għaliex kemm-il darba kien ikun fis-sakra u jaqa' u jispiċċa jċemplilha biex tmur ħdejh. Qalet li kien għamlilha prokura mal-bank. Enfasizzat li qatt ma kienu f'relazzjoni, u li qatt ma raqdet għandu, iżda sostniet li kienet biss tieħu ħsiebu. Enfasizzat ukoll li qatt ma ħallasha ta' dak li għamlet miegħu, u mistoqsija jekk qattx xtralha karozza irrispondiet fin-negattiv:

*"…qatt ma tani one cent u qatt ma tani biex nixtri jien….Minn buti, naħlef li qatt ma tani one cent."*

Qalet pero` li kien jgħidilha li miegħu mhux mitluf u li fl-2012 għamel testment fejn kitibha fil-wirt. Tispjega li għall-ħabta tal-Milied 2013, kienet ħadet għaliha għaliex ma tahiex rigal, u ma baqgħetx tmur, iżda fi Frar reġgħet bdiet tmur għaliex kienet taf li kien marid bil-kanċer u ddispjaċiha. Qalet li imbagħad saret taf li f'dawk ix-xahrejn li ma baqgħetx tmur kien għamel testment ieħor fejn kien qatagħha kompletament mill-wirt.

21. <u>Skont il-verżjoni tal-konvenuti, Riccardo Aquilina kien iħallas lill-attriċi tas-serviġi reżi minnha.</u>

- <u>Il-konvenuta Melissa Aquilina</u> (bint Riccardo Aquilina, li tgħix l-

Awstralja) xehdet li missierha kien jgħid lil kulħadd li kien iħallas lill-attriċi biex tagħmillu l-affarijiet. Qalet li meta kienet tkun vaganza Malta ġieli hi stess rat lil missierha jgħaddi l-flus lill-attriċi. Qalet ukoll li la kienet tikkunsidra lil Helen bħala *carer* u lanqas bħala fattiga, iżda bħala ħabiba ta' missierha.

"*Kien jgħidilha, dawn għall-ikel, dawk tiegħek. Kien jixtrilha s-sigaretti rajt ukoll u anke rigali għax hi stess qaltli kien xtralha libsa jew xtralha affarijiet hekk ukoll*."

- Roderick Camilleri (li kien il-"*boyfriend*" ta' Melissa, u li ukoll jgħix l-Awstralija) xehed li għall-ħabta tal-2006-2007 kien ġie għal xi żmien Malta ma' Melissa Aquilina u kienu joqogħdu ma' Riccardo Aquilina. Qal li kien jaf li l-attriċi kienet tgħinu fil-faċendi u t-tisjir. Qal li kien rah jagħtiha flus, ikel u sigaretti.

*"I have also seen Riccardo give Helen cash, food and cigarettes."*

- Il-konvenut Frank Aquilina (iben Riccardo Aquilina, li jgħix l-Awstralja) xehed li jiftakar li darba kien ċempel lil missieru u kienet irrispondiet hi u qaltlu li kienet dik li tagħmel il-faċendi lil missieru. Xehed li missieru dejjem kien jgħidu li kien iħallas lill-attriċi.

*"…a woman had answered the telephone…She replied that her name is Helen and I asked if she was family. She said no and that she does some cleaning and sometimes cooking for my father……Dad….confirmed to me that she's just someone that he pays to do some cleaning and shopping and sometimes*

*cooking…..I remember clearly that my father had told me that he pays Mrs Magri for the cleaning and the errands that she would run."*

- Joseph Aquilina (bin Riccardo Aquilina, li jgħix l-Ingilterra, u li ġie eskluż mill-wirt) xehed li meta kien jitkellem ma' missieru fuq l-attriċi kien jgħidlu li kien iħallasha ta' xogħlha. Qal pero` li huwa jafha bħala l-għarusa ta' missieru, u li fil-fatt meta huwa żżewweg Malta, missieru ħa lill-attriċi miegħu fit-tieġ bħala *guest,* u adirittura iġġieled miegħu għax hu u martu ma ridux li hija toqgħod fuq l-istess mejda mal-familja. Qal li missieru kien anke qallu li kien xtralha karozza:

*"…jiena u missieri ma konniex nitkellmu speċifikatament dwar dan. Biss pero` meta l-konverżazzjoni kienet taqa' fuq hekk kien jgħidli li kien jagħti l-flus lil Helen Magri. … Missieri kien qalli ukoll li kien xtara karozza lil Helen. Qatt ma qalli b'mod speċifiku x'ħallas u kif xtraha pero` nikkonferma li kien qalli li xtrahielha."*

- Joseph Aquilina (ħu Riccardo Aquilina) mistoqsi x'kien jgħidlu ħuh dwar l-attriċi wieġeb li kienet "*dejjem trid il-flus u moħħha fit-testment."* Dwar dak il-perjodu ta' xahrejn (bejn Diċembru 2013 u Jannar/Frar 2014) li fih Riccardo Aquilina u l-attriċi kellhom xi jgħidu qal:

*"…kienu ġġieldu fuq xi flus għax taha xi mitt ewro u riedet iżjed u qalilha "'m'għandix" u telqet. Meta ra li damet xi xahrejn ma tmur, mar u ħassar it-testment li għamel u għamel testment ġdid".*

Kompla jgħid li fil-frattemp marad u kien ħadu l-isptar hu.

Xehed li Riccardo Aquilina kien qallu li l-attriċi saret taf li kien qiegħed l-isptar u li kienet marret tarah. Qal li kien qallu li l-attriċi saqsietu jekk kienx ħassar it-testment u li hu kien qalilha li le. Qal ukoll li għalkemm Riccardo Aquilina qatt ma qallu li xtralha karozza, ħbieb tiegħu kienu fil-fatt qalulu li xtralha karozza.

- Angelica Aquilina (il-mara ta' ħu Riccardo Aquilina) qalet li kienet taf li l-attriċi taħsillu l-ħwejjeġ u l-post u ssajjarlu, u qalet li l-attriċi stess kienet ilmentat magħha fil-pjazza ta' Raħal Ġdid li Riccardo Aquilina ma jagħtihiex biżżejjed flus.

*"Ikkummentat li mhux kuntenta b'dak li qed jagħtiha u b'dak li qed iħallasha."*

- Victor Attard (il-kuġin ta' Riccardo Aquilina) xehed li kien jaf lill-attriċi bħala t-tfajla ta' Riccardo, u anke jiftakarhom jitbewsu, għalkemm tul il-15-il sena in kwistjoni jgħid li ma kellux lilha biss iżda kellu relazzjonijiet ma' tliet nisa oħra. Dwar ħlas, għalkemm qal li qatt ma ra lil Riccardo Aquilina personalment jagħtiha l-flus, xehed hekk:

*"Qalli 'Jien kont intiha mija fix-xahar' kull cheque li kien idaħħal tal-pensjoni. Barra minn hekk, biex titimgħek u tagħmel qalli 'kont intiha l-flus, tixtri l-ikel, issajjar l-ikel għandha u tiġi bil-borma.'"*

Qal ukoll li Riccardo kien qallu li kien poġġielha tlett elef ewro depożitu fuq karozza:

"*Jekk minix sejjer żball qalli 'fadlilna nagħtu xi ħaġa u ħa nħallasha jien ukoll mija fix-xahar.' Lili kien jgħidli kollox għax konna qisna żewġt aħwa.*"

22. Riccardo Aquilina għamel testment fis-16 ta' Jannar 2012 u ieħor fil-25 ta' Frar 2014. Dan tal-25 ta' Frar 2014 kien l-aħħar wieħed. Huwa imbagħad miet 10 xhur wara, fl-24 ta' Diċembru 2014.

- Permezz tat-testment tas-16 ta' Jannar 2012 huwa ħalla lill-attriċi b'titolu ta' prelegat l-użu u l-użufrutt tal-fond 27, Triq Farsons, Ħamrun u spjega li dan kien qed iħallih "*b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih.*" Huwa spjega li kien qed jiddiżeredita lil tnejn miż-żewġ uliedu (Rita Zahra u Joseph Aquilina) għaliex qatt ma ġabulu rispett u kien iħossu abbandunat minnhom; u istitwixxa liż-żewġ uliedu l-oħra (Frank Aquilina u Melissa Aquilina) kif ukoll lill-attriċi Helen Magri bħala eredi universali tiegħu fi kwoti indaqs (cioe` ⅓ kull wieħed).

- Imbagħad permezz tat-testment tal-25 ta' Frar 2014, li huwa l-aħħar testment tiegħu, huwa ħassar it-testmenti kollha tiegħu u ħatar lil uliedu Frank Aquilina u Melissa bħala l-eredi universali

tiegħu fi kwoti indaqs (cioe` ½ kull wieħed). B'hekk ġie li eskluda lill-attriċi kompletament mill-aħħar testment tiegħu.

23. Din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa l-provi kollha, kuntrarjament għall-ewwel Qorti ma tqisx li l-verżjoni tal-attriċi (li qatt ma ħadet "*one cent*" mingħand Riccardo Aquilina tas-serviġi li rrendietlu) hija waħda verosimili. Jibda' biex jingħad li l-attriċi stess xehdet li wara li kienet ltaqgħet ma' Riccardo Aquilina f'bar u tagħtu n-numru tat-telefown tagħha, kien ċemplilha biex jgħidiliha li ried ikellimha: l-iskop tal-laqgħa skont hi kien biex jgħidilha li ma kellux min jagħmillu l-faċendi, u hija aċċettat li tibda' tagħmillu l-faċendi hi. L-attriċi tippretendi li din il-Qorti sejra temmen li l-arranġament kien li Riccardo Aquilina ma jħallasha l-ebda sold tax-xogħol li tagħmillu, u li jikkumpensaha billi jiktibha fil-wirt.

24. Din il-verzjoni taghha ma hijiex kredibbli. Wieħed irid japprezza li dak iż-żmien il-konvenut kien għad kellu xi 64 sena u ma kienx marid, (fil-fatt iltaqgħu ġo bar, u kien biss erbatax-il sena wara, fl-2014, li feġġlu l-kanċer) u allura l-prospett li jkompli jgħix għal numru konsiderevoli ta' snin kien għadu wieħed tajjeb; mill-banda l-oħra l-attriċi kellha circa 53 sena u għalhekk mhix eta` żgħira biex taċċetta li taħdem gratis iżda bit-tama ta' kumpens futur wara l-mewt tiegħu. Notevoli ukoll huwa l-fatt li t-testment ma nkitibx appena bdiet tipprestalu servigi, iżda adirittura 12-il sena wara! Għaldaqstant għal 12-il sena sħaħ, skont il-verżjoni tagħha,

<u>jiġi li lanqas biss kellha "garanzija" li almenu meta jmut kienet se tieħu xi ħaġa.</u>

25. Sinifikanti ukoll hija l-frazi partikolari użata fit-testment tas-16 ta' Jannar 2012, fejn ġie dikjarat li t-testatur kien qed iħallilha l-prelegat "*b'ringrazzjament ta' kemm ilu jafha u ilha ddur bih".* It-testment ma jgħidx li Riccardo Aquilina kien qed iħallilha l-prelegat bħala **"**<u>ħlas</u>**"** jew **"**<u>kumpens</u>**"** għal serviġi reżi minnha u għal serviġi li għad iridu jiġu reżi minnha. Din il-Qorti għalhekk ma tqisx li l-prelegat li ħallielha kien in linea ta' remunerazzjoni, u wisq anqas ma kien in linea ta' rimunerazzjoni t-terz indiviż tal-assi tiegħu li ħallielha, kif fehmet l-ewwel Qorti. Għalkemm l-attriċi xehdet li qatt ma raqdet għandu u ċaħdet kategorikament li qatt kien hemm xi relazzjoni bejniethom, u sostniet li kienet sempliċiment tipprestalu serviġi, jirriżulta ampjament ċar li almenu f'xi perjodu/perjodi kienu ċertament koppja. Anke jekk ma kinux koppja għat-tul kollu tal-15-il sena in kwistjoni, ċertament li nibtet ħbiberija kbira bejniethom, u jidher li kienet persuna li kienet pjuttost viċin ("*close*") tiegħu. Fil-fatt kellha l-prokura tiegħu u kien jafdaha biex tiġbidlu l-flus, u kien isibha għal ħafna affarijiet, bħal meta kien ikun fis-sakra u jaqa' u jċemplilha biex tmur ħdejh. (Fil-fatt anke fil-funeral tiegħu involviet ruħha, u fis-santa tal-mewt tiegħu[42] wara li jissemmew l-erba' uliedu, u ħuħ u l-familji rispettivi tagħhom tissemma' l-attriċi u l-familja tagħha).

[42] li tinsab fl-involokru a fol 45

26. Jidher għalhekk li dak li ħallielha fit-testment tas-16 ta' Jannar 2012 sar b'liberalita`: b'apprezzament u rikonoxximent ta' kemm kienet persuna importanti u sinifikanti f'ħajtu. Tant hu hekk, li meta tlewmu f'Diċembru tal-2013 u l-attriċi "telqitu" għal xahrejn, huwa pront biddel it-testment u qatagħha għal kollox. U għalkemm reġgħu irranġaw proprju fl-istess żmien li biddel it-testment, għażel li ma jerġax ibiddlu u jinkludiha, għalkemm kellu ċ-ċans kollu li jagħmel dan, għaliex fil-fatt miet għaxar xhur wara.

27. Mill-assjem tal-provi din il-Qorti assolutament ma jirriżultalhiex li s-serviġi reżi mill-attriċi ġew hekk reżi "*bil-promessa li … kellha tiġi mħallsa tal-istess wara l-mewt ta' Riccardo Aquilina"* kif tippremetti fir-rikors ġuramentat tagħha. Lanqas ma jirriżultalha li "*ta' dak kollu li għamlet għad-decuius spiċċa(t) mingħajr ebda kumpens*" kif tilmenta fl-istess rikors ġurament.

28. Din il-Qorti hija tal-fehma li Riccardo Aquilina kien effettivament iħallas lill-attriċi tal-faċendi, tisjir u qadi li kienet tagħmillu u li kien anke jagħtiha rigali; adirittura kien hemm iktar minn xhud wieħed li xehed li xtralha karozza, anke jekk l-ewwel Qorti ikkummentat li tali xiehda ma speċifikawx il-marka jew in-numru ta' reġistrazzjoni.

29. Din il-Qorti hija wkoll tal-fehma li anke wara li kien inkludiha fit-testment tas-16 ta' Jannar 2012 kien baqa' jħallasha. Fil-fatt ħuh xehed li t-tilwima li kellhom f'Diċembru 2013 kienet proprju għaliex riedet iżjed flus minn dak li kien itiha (minkejja li jirriżulta li kienet taf bit-testment ta' Jannar 2012 u b'dak kollu li kien ħallielha fih). Din il-Qorti jidhrilha li hija iktar verosimili din il-verżjoni (li ġġieldu fuq il-flus) milli l-verżjoni tal-attriċi (li ġġieldu għax sempliċiment ma tahiex rigal tal-Milied), speċjalment in vista ta' xiehda oħra li jgħidu li kienet tilmenta li ma kienx iħallasha "biżżejjed".

30. Il-kwistjoni hija allura jekk il-hlasijiet li saru mill-mejjet kenux sufficjenti biex ihallasha ta' kull ma ghamlet mieghu. Qed jinghad dan ghaliex ghalkemm din il-Qorti konvinta li saru hlasijiet, ma saret ebda prova cara ta' kemm kienu dawn il-hlasijiet da parti tal-konvenuti u l-prova kellha ssir minnhom (artiklu 562 tal-Kap. 12) Ghalhekk l-aggravju se jintlaqa' parzjalment billi l-Qorti tikkonsidrah meta tigi biex tillikwida l-hlas dovut.

**It-tielet u r-raba' aggravju**

31. Jibqa' ghalhekk x'jigu kkunsidrati l-ahhar zewg aggravji. It-tielet aggravju huwa li l-Ewwel Qorti ma qiesitx il-preskrizzjoni kwinkwennali (artiklu 2156 (f) tal-Kodici Civili). Dan effettivament mhuwiex minnu

ghaliex f'pagna 28 il-Qorti trattat dan il-punt, pero` finalment qalet li l-attrici interrompiet il-preskrizzjoni ghaliex mill-mewt tat-testatur Aquilina sal-punt meta intavolat il-kawza, ma kinux ghaddew hames snin.

32. Dan huwa minnu pero` l-appellanti ghandhom ragun jargumentaw li l-Ewwel Qorti ma kellhiex imbaghad tikkomputa l-ammont dovut ghall-perjodu kollu li fih l-appellata irrendiet is-servigi.

33. Il-gurisprudenza in materja hija wahda kostanti fis-sens li hemm lok ghall-preskrizzjoni f'kazijiet ta' servigi jew prestazzjonijiet ohra, avvolja jkun hemm kontinwazzjoni taghhom. Il-Qrati taghna, anki f'kazijiet recenti, applikaw il-preskrizzjoni kwinkwennali meta hemm kontinwita` tas-servigi. *Dan il-principju gie ribadit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-17 ta' Jannar, 1955 fil-kawza "Agostino Pace et vs Antonio Agius noe" fejn jinghad espressament li "l-azzjoni ghall-hlas ta' servigi u ghar-restituzzjoni ta' spejjez ghal somministrazzjonijiet maghmula lill-persuna servuta tippreskrivi ruhha f'hames snin; u c-cirkustanza li s-servigi jew somministrazzjonijiet jkunu kontinwi, jew bla interruzzjoni, mhux bizzejjed biex timpedixxi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri. B'dan li l-kontinwita` jew reiterazzjoni tas-servigi jew somministrazzjonijiet ma tissospendix il-bidu jew il-kors tal-preskrizzjoni, u lanqas ma timporta, ghalkemm accettata mid-debitur, interruzzjoni tal-preskrizzjoni tal-kreditu ghas-servigi jew somministrazzjonijiet anterjuri.*

*Ghaliex l-att ta' persuna li taccetta mill-gdid il-prestazzjonijiet ma jistax iwassal ghall-ammissjoni tad-debitu dwar prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal rikonoxximent ta' drittijiet dwar dawk il-prestazzjonijiet anterjuri, jew ghal xi rinunzja ghall-preskrizzjoni tad-dritt naxxenti minn prestazzjonijiet anterjuri."* **(Sciberras vs Spiteri, Appell Civili, 1 ta' April 2005).**

Kif qalet il-Prim Awla fis-sentenza taghha **Falzon vs Bondin** (19 ta' Frar 1963), *b'konsegwenza tal-eccepita preskrizzjoni lill-attrici ma jistax jinghata kumpens ghas-servigi kollha minnha prestati … imma l-kumpens li talvolta ghandha dritt ghalih ghandu jkun ghal dawk is-servigi li setghet irrendiet … fil-perjodu mhux kolpit mill-preskrizzjoni … cioe` dak ta' hames snin*..

**Ghalhekk dan l-aggravju huwa milqugh u l-attrici appellata ghandha dritt ta' kumpens ghal perjodu ta' l-ahhar hames snin.**

Fir-rigward tal-likwidazzjoni is-sentenza appellata hadmet is-somma fuq mitejn euros fix-xahar ghal perjodu ta' hmistax-il sena. In vista ta' dak kollu li nghad huwa evidenti li s-somma likwidata mill-Ewwel Qorti, fil-fehma ta' din il-Qorti ghandha titnaqqas konsiderevolment.

L-ewwelnett il-perjodu li fuqu ghandha tinhadem is-sentenza huwa ta' hames snin. Kwantu ghas-somma ta' mitejn euro, tenut kont li fil-fehma

ta' din il-Qorti il-mejjet kien jaghmel xi hlasijiet, din il-Qorti taqbel mal-appellant li hija ukoll eccessiva; fil-kawza fl-ismijiet Coleiro vs Balzan, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fit-2 ta' Ottubru 2002. Intqal li *Ghalhekk tajjeb issottometta l-perit legali li d-decuius "la kien mixhut f'sodda ghal zmien twil, la kien 'house bound' u lanqas kien affett minn xi marda li htieget kura u attenzjoni partikolari … l-kumpens f'kull kaz kien ikun wiehed baxx*".

Fil-kaz in eżami, id-decujus ma kienx marid, anzi mill-provi jirrizulta li kien pjuttost kif nghidu "fuq tieghu" u jaf jghix. Dan il-fatt mizjud ma' dak li gia intqal, iwassal lil din il-Qorti biex tiffissa l-ammont li fuqha se tinhadem is-somma dovuta ghal mija u ghoxrin euro fix-xahar; ghall-perjodu ta' hames snin, ghalhekk dan iwassal ghas-somma ta' sebat elef u mitejn euro.

**<u>Decide</u>**

34. In vista ta' dan kollu din il-Qorti:

- tiċħad l-appell tal-kuraturi deputati nomine in kwantu jargumentaw li l-konvenuti mhux il-leġittimi kontradittur, u għalhekk tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti ċaħdet it-tielet eċċezzjoni; u

- tilqa' l-appell tal-kuraturi deputati nomine limitatament billi tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' hames snin kif inghad u tnaqqas l-ammont li l-konvenuti ghandhom ihallsu lill-attrici appellata ghas-somma ta' €7,500 (sebat elef u hames mitt euro)[43].

35. L-ispejjeż ta' l-ewwel istanza a kariku tal-konvenuti, dawk tal-appell kwantu ghal kwart mill-appellanti u tlett kwarti a kariku tal-appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr

[43] U b'digriet tas-17 ta' Settembru, 2019 l-ammont ġie mibdul biex jaqra €7,200 (sebat elef u mitejn euro).